# OMBUDSPLAN 2020

*UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN PARLAMENTARI*




OMBUDSMAN

**Pubblikazzjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari**
**Settembru 2019**

Uffiċċju tal-Ombudsman
11, Triq San Pawl
Valletta - VLT1210
Tel: 2248 3210
Email: office@ombudsman.org.mt
Web: www.ombudsman.org.mt

# OMBUDSPLAN **2020**

## WERREJ

**DAĦLA**

Sfidi u Aġġornament 1

**IL-PRINĊIPJI TA' VENEZJA**

Il-Prinċipji ta' Venezja 5

**AĠĠORNAMENT TAL-LIĠIJIET DWAR L-OMBUDSMAN**

Leġislazzjoni progressiva li taħdem 23
Titjib meħtieġ fil-qafas leġislattiv 23
Il-poter jeħtieġ jiġi deċentralizzat 24
L-Ombudsman għas-servizz taċ-ċittadin 24
Inizjattivi li jdgħajjfu l-Istituzzjoni 25

**KONSULTAZZJONI MEĦTIEĠA F'DEMOKRAZIJA PARTEĊIPATTIVA**

Nuqqas ta' konsultazzjoni tnissel sfiduċja 29
Konsultazzjoni f'waqtha tagħti l-frott 29
Eżempju klassiku ta' konsultazzjoni wiesgħa 30
Konflitti li jeħtieġ li jiġu ċċarati 30
Konsegwenzi negattivi minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni 31
Sitwazzjoni ta' diffikulta 31
Funzjonijiet mhux kompatibbli 32
Il-liġi tal-VAT - Eżempju ieħor ta' nuqqas ta' konsultazzjoni 32
Id-Dipartiment tal-VAT għandu jkun suġġett għall-verifika tal-Ombudsman 33

**KONTRIBUZZJONI TAL-KUMMISSARJI PARLAMENTARI**

Miri u sfidi tal-Kummissarji għas-sena d-dieħla 37
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar 38
Kummissarju għall-Edukazzjoni 40
Kummissarju għas-Saħħa 42

**RIĊERKA U KOMUNIKAZZJONI** 47

**ĊART ORGANIZZATTIVA** 52

**RENDIKONT FINANZJARJU** 55

**STATISTIKA 2019/2020** 61

**APPENDIĊI** 74

# SFIDI U AĠĠORNAMENT

*Anthony C. Mifsud*
*Ombudsman Parlamentari*



## IL-KUMMISSJONI TA' VENEZJA U L-OMBUDSMAN

L-Ombudsplan ta' din is-sena hu ispirat mill-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja adottata f'Diċembru 2018, dwar l-istrutturi kostituzzjonali, s-separazzjoni tal-poteri, l-indipendenza tal-ġudikatura u l-infurzar tal-liġijiet f'Malta.

Opinjoni li kienet fl-ewwel lok mitluba mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali u Drittijiet Umani tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE). Talba li, ġiet tista' tgħid minnufih wara segwita minn oħra fuq l-istess linji magħmula mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. F'dik l-Opinjoni, fil-kuntest tal-istudju tagħha tal-istrutturi kostituzzjonali u leġislattivi maħsuba biex itejbu l-kontrolli u bilanċi bejn l-istituzzjonijiet u l-indipendenza tal-ġudikatura, l-Kummissjoni trattat ukoll l-Istituzzjoni tal-Ombudsman. Qieset kemm din hi f'Malta, strument effettiv u effiċjenti ta' verifika tal-amministrazzjoni pubblika u kemm hi f'qagħda li tiggarantixxi d-dritt taċ-ċittadin għall-amministrazzjoni pubblika tajba.

Waqt li l-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni fuq l-Istituzzjoni tal-Ombudsman huma ġeneralment pożittivi, hi tagħmel rakkomandazzjonijiet maħsuba biex itejjbu l-istrutturi u jassiguraw aktar l-indipendenza u l-awtonomija tagħha. Tagħmel suġġerimenti ta' tibdil fil-Kostituzzjoni u l-liġijiet maħsuba biex isaħħu r-rabta bejn l-Istituzzjoni u l-Parlament. L-Opinjoni tinsisti li l-Ombudsman jeħtieġ li jkollu biżżejjed saħħa biex jassigura trasparenza u kontabilità fl-aġir tal-amministrazzjoni pubblika. Kwalitajiet li huma l-aħjar garanzija biex jiġu mrażżna l-amministrazzjoni ħażina u l-abbuż tal-poter. Saħħa li għandha testendi wkoll għall-kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman mill-Parlament u l-infurzar effettiv tagħhom.

Fir-Rapport Annwali ta' din is-sena l-Ombudsman għamel il-kummenti tiegħu fuq din il-parti tal-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja li fil-fehma tiegħu, hija ferm in sintonija mal-ħsieb tiegħu ta' kif l-Istituzzjoni tal-Ombudsman għandha tiżviluppa u tissaħħaħ. Dan l-Ombudsplan huwa wkoll motivat mid-dikjarazzjonijiet tal-Gvern li fil-linja ġenerali, kien jaqbel mal-Opinjoni tal-Kummissjoni u kien lest li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tagħha billi jagħmel it-tibdil meħtieġ.

Infatti, ftit tal-ġimgħat ilu ġew imressqa fil-Kamra tad-Deputati l-ewwel qari ta' diversi liġijiet maħsuba biex jimplimentaw parti minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet fosthom abbozz ta' liġi li jemenda l-Att dwar l-Ombudsman. Dan l-abbozz għadu ma ġiex ippubblikat imma wieħed jistenna li jkun jirrifletti s-sustanza tar-rakkomandazzjonijiet magħmula fl-Opinjoni ta' Venezja dwar l-Istituzzjoni tal-Ombudsman. B'koinċidenza fortunata kważi providenzjali f'Marzu ta' din is-sena fit-818-il sessjoni plenarja tagħha, l-istess Kummissjoni ta' Venezja addottat dokument li fih stabbiliet prinċipji għall-protezzjoni u promozzjoni tal-istituzzjoni tal-Ombudsman. Prinċipji li għandhom ikunu l-bażi biex jassiguraw l-indipendenza, l-objettività, it-trasparenza, l-ekwità u l-imparzjalità tal-istituzzjoni.

*"L-Ombudsman jeħtieġ li jkollu biżżejjed saħħa biex jassigura trasparenza u kontabilità fl-aġir tal-amministrazzjoni pubblika. Kwalitajiet li huma l-aħjar garanziji biex jiġu mrażżna l-amministrazzjoni ħażina u l-abbuż tal-poter."*

Id-dokument jelenka ħamsa u għoxrin (25) prinċipju b'mod grafiku, ċar u preċiż li jqis li huma r-rekwiżiti li l-Istituzzjoni tal-Ombudsman għandu jkollha biex tassigura liċ-ċittadin servizz li jispira fiduċja li tkun it-tarka tad-drittijiet tiegħu u l-kuxjenza tal-amministrazzjoni pubblika. Dan f'qafas Istituzzjonali li jiggarantixxi l-awtonomija u l-indipendenza tagħha. Dawn il-prinċipji ta' Venezja jipprovdu fuq kollox riga li biha jista' jiġi mkejjel jekk l-istituzzjoni tal-Ombudsman fil-pajjiż kinitx konformi mal-*istandards* bażiċi iżda rigorużi meħtieġa u mixtieqa f'soċjetà demokratikament evoluta.

F'dan l-Ombudsplan qed issir analiżi qasira ta' kull Prinċipju biex jiġi indikat jekk u safejn il-qafas kostituzzjonali u legali li jirregola l-istituzzjoni tal-Ombudsman f'Malta jissodisfax dan il-kejl. Eżami li għandu juri kemm dan il-qafas hu konformi mal-Prinċipji, sa fejn hu nieqes u x'jeħtieġ li jsir biex in-nuqqasijiet jiġu rimedjati jekk hemm bżonn b'emendi xierqa fil-Kostituzzjoni u fl-Att dwar l-Ombudsman[1].

1 It-test oriġinali bl-Ingliż tad-dokument kollu tal-Prinċipji ta' Venezja (Opinjoni Nru 897/2017) (CDL-AD (2019) 005) qed jiġi anness ma' dan l-Ombudsplan.


COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE
CDL-AD(2019)005
Or. Engl.
VENICE COMMISSION
COMMISSION DE VENISE
1949-2019
Strasbourg, 3 May 2019
Opinion No. 897 / 2017
EUROPEAN COMMISSION FOR DEMOCRACY THROUGH LAW
(VENICE COMMISSION)
PRINCIPLES
ON THE PROTECTION AND PROMOTION
OF THE OMBUDSMAN INSTITUTION
("THE VENICE PRINCIPLES")
Adopted by the Venice Commission
at its 118th Plenary Session
(Venice, 15-16 March 2019)
(Strasbourg, 2 May 2019)

# IL-PRINĊIPJI TA’ VENEZJA

01



# IL-PRINĊIPJI
# TA' VENEZJA

## PRINĊIPJU NRU 1

***L-istituzzjonijiet tal-Ombudsman għandhom rwol importanti x'iwettqu fit-tisħiħ tad-demokrazija, fis-saltna tad-dritt, fl-amministrazzjoni tajba u l-ħarsien u l-promozzjoni tal-jeddijiet umani u l-libertajiet fondamentali. Waqt li m'hemm l-ebda mudell waħdieni għall-iStati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, l-iStat għandu jsaħħaħ u jipproteġi l-istituzzjoni tal-Ombudsman u jrażżan kull azzjoni li tista' tnawwar l-indipendenza tagħha.***

### KUMMENT

Dan hu prinċipju mħaddan minn kull naħa tal-ispektrum politiku. Il-qbil unanimu fil-Kamra tad-Deputati bl-approvazzjoni tal-Att XXI tal-1995 u l-emendi li saru għalih fl-Att XVI tal-1997 u tal-Att XVII tal-2010, li jawtorizza l-ħatra tal-Kummissarji, huma xhieda ta' dan. Il-mudell tal-Istituzzjoni, imfassal fuq dak ta' New Zealand, u kif qed jiżviluppa maż-żmien hu wieħed partikolari għal Malta. Hu għal kollox konformi mal-Prinċipji ta' Pariġi u meqjus bħala wieħed mill-aktar progressivi mill-iStati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa. Kemm l-iStat jgħin u jipproteġi l-Istituzzjoni tal-Ombudsman jiddependi mbagħad mill-volontà politika tal-Gvern tal-ġurnata li jwettaq dan il-prinċipju fil-prattika. Jiddependi fuq kemm jiġi rikonoxxut li l-Uffiċċju tal-Ombudsman huwa essenzjalment Istituzzjoni għas-servizz tal-Parlament biex jassigura amministrazzjoni pubblika tajba. M'hijiex allura l-funzjoni tiegħu, li jaqdi l-Gvern tal-ġurnata anki jekk fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu neċessarjament jgħin biex itejjeb l-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi li din tagħti liċ-ċittadin.

L-indipendenza reali tal-Istituzzjoni tista' mbagħad tiġi imminata b'atti diretti jew indiretti, kemm permezz ta' liġijiet jew leġislazzjoni sussidjarja kif ukoll u forsi agħar, minn aġir amministrattiv tal-Eżekuttiv.

# PRINĊIPJU NRU 2

***L-Istituzzjoni tal-Ombudsman, inkluż il-mandat tagħha, għandu jkun bażat fuq sisien legali sodi, preferibbilment f'livell kostituzzjonali waqt li l-karatteristiċi u l-funzjonijiet tagħha jistgħu jkunu elaborati aktar permezz ta' leġislazzjoni.***

## KUMMENT

Bl-emenda għall-Kostituzzjoni, unanimament approvata fl-24 ta' Lulju 2007, il-Kamra tad-Deputati irrikonoxxiet l-Istituzzjoni tal-Ombudsman bħala organu mwaqqaf bil-Kostituzzjoni, bil-funzjoni li jinvestiga l-aġir tal-amministrazzjoni pubblika. Dan l-i*status* kostituzzjonali jassigura li fil-pajjiż dejjem ikun hemm Istituzzjoni tal-Ombudsman. Dan b'emenda li hija *entrenched* li teħtieġ maġġoranza kwalifikata ta' żewġ terzi tal-Kamra biex tinbidel. Din il-protezzjoni però ma testendix għall-elementi kostituttivi tal-Istituzzjoni essenzjali biex jassiguraw l-indipendenza u l-awtonomija tagħha, bħal ma huma l-mod tal-ħatra tal-Ombudsman, iż-żmien li għalih jinħatar, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fih jista' jitneħħa jew jiġi sospiż mill-kariga kif ukoll il-garanziji meħtieġa biex jassiguraw ir-rimunerazzjoni tiegħu, l-finanzjament tal-Istituzzjoni u ħwejjeġ oħra. Fil-proposta nru 2 fil-pubblikazzjoni dwar it-Tisħiħ tal-Istituzzjoni tal-Ombudsman li għaliha saret referenza, fil-paġni 13-18 l-Ombudsman irrakkomanda li l-protezzjoni kostituzzjonali li diġà jgawdi l-Awditur Ġenerali f'dawn l-aspetti għandha tiġi estiża lill-Ombudsman. Il-provvedimenti li jirregolaw iż-żewġ awtoritajiet għandhom ikunu komplimentari biex jiġi assigurat li dawn iż-żewġ uffiċjali tal-parlament ikunu jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'mod ħieles u mingħajr influwenza indebita biex b'hekk jiġi garantit li dawn iż-żewġ istituzzjonijiet ikunu verament indipendenti w awtonomi.

# PRINĊIPJU NRU 3

**L-Istituzzjoni tal-Ombudsman għandha tingħata status għoli, adegwat u xieraq li jkun anki rifless fir-rimunerazzjoni tal-Ombudsman u fil-kumpens meta jirtira.**

## KUMMENT

Is-Sub-artiklu 5 tal-Artiklu 10 tal-Att dwar l-Ombudsman jassigura status għoli adegwat għalih meta jikkompara l-Uffiċċju tiegħu ma' dak ta' Imħallef tal-Qrati Superjuri. L-istess sub-artiklu jesiġi li s-salarju, *allowances* u spejjeż li jitħallsu lill-Ombudsman għandhom ikunu bir-rati daqs dawk li japplikaw għal kariga ta' Imħallef. Is-salarju m'għandux jitnaqqas matul it-tkomplija tal-ħatra tiegħu. Dwar dan hemm żewġ aspetti li għandhom jiġu indirizzati:

a) Il-garanzija li tassigura l-livell ta' rimunerazzjoni testendi biss għas-salarju u ma testendix għall-*"allowances u spejjeż"*. Dan sar biex tiġi mħarsa l-konċertina tas-salarji fis-servizz pubbliku. Waqt li hu minnu li din il-garanzija hija l-istess bħal dik mogħtija lill-imħallfin, fl-Artiklu 107 (1) tal-Kostituzzjoni, l-esklużjoni tal-*allowances*, tista' f'ċerti ċirkostanzi tkun ta' theddida għall-indipendenza tal-Ombudsman kif ukoll tal-Imħallfin. Dan speċjalment fi żmien meta l-*allowances* saru parti sostanzjali mir-rimunerazzjoni.

b) L-Att dwar l-Ombudsman ma jipprovdi għall-ebda kumpens għall-irtirar fil-każ tal-Ombudsman. Lanqas huwa intitolat għalih l-Awditur Ġenerali. Hekk ukoll kienet il-pożizzjoni tal-membri tal-Ġudikatura iżda dan ġie rimedjat bl-Att Nru XLIV tal-2016 li ipprovda li l-kariga ta' membru tal-Ġudikatura u tal-Avukat Ġenerali tkun waħda pensjonabbli li tintitolahom għal pensjoni tas-servizz. F'Mejju 2019 il-Gvern kien ressaq l-ewwel qari ta' abbozz ta' liġi biex hekk ukoll ikunu intitolati l-Ombudsman, l-Awditur Ġenerali u d-Deputat tiegħu iżda dak l-abbozz ma kienx sab l-appoġġ tal-Oppożizzjoni u kien ġie irtirat. Biex jiġi sodisfatt dan il-prinċipju jkun biżżejjed li ssir emenda għas-Sub-artiklu 5 tal-Artiklu 10 li jippreċiża li r-rimunerazzjoni dovuta lill-Ombudsman tkun tinkludi pensjoni tas-servizz ekwivalenti għal dik applikabbli għal Imħallef. Tkun meħtieġa wkoll emenda għall-Att Nru XLIV tal-2016 li ipprovda għall-pensjoni tal-membri tal-Ġudikatura.

# PRINĊIPJU NRU 4

***L-għażla ta' mudell ta' Ombudsman li jkun singulari jew ta' aktar jiddependi minn kif ikun organizzat l-iStat, il-partikolaritajiet u l-ħtiġijiet tiegħu. L-Istituzzjoni tal-Ombudsman tista' tiġi organizzata fuq diversi livelli u b'kompetenzi differenti.***

## KUMMENT

L-Uffiċċju tal-Ombudsman, kif issa organizzat bil-ħatra ta' Kummissarji speċjalizzati biex jinvestigaw ilmenti kontra l-amministrazzjoni pubblika f'oqsma partikolari, jaħdmu f'uffiċċju unifikat u integrat, b'kollaborazzjoni sħiħa mal-Ombudsman, hu esperiment li irnexxa u jirrispondi tajjeb għall-ħtiġijiet tal-pajjiż. Waqt li dejjem hemm lok għal titjib biex tiġi assigurata aktar speċjalizzazzjoni fejn meħtieġ, il-mudell, li attira l-attenzjoni wkoll ta' diversi ġurisdizzjonijiet oħra, jassigura l-indipendenza u l-awtonomija tal-Kummissarji li huma wkoll bħal l-Ombudsman, Uffiċjali tal-Parlament. Huma regolati bl-istess Att dwar l-Ombudsman, għandhom l-istess poteri investigattivi u jgawdu mill-istess protezzjoni għas-sigurtà tal-ħatra tagħhom b'garanziji għall-kundizzjonijiet ta' xogħol li jmorru magħha.

# PRINĊIPJU NRU 5

***L-iStati għandhom jaddottaw mudelli li jkunu għal kollox konformi ma' dawn il-Prinċipji, li jsaħħu l-Istituzzjoni u jtejbu l-livell ta' protezzjoni u promozzjoni tal-jeddijiet umani u tal-libertajiet fondamentali fil-pajjiż.***

## KUMMENT

L-Ombudsman m'għandux għaliex jiddubita li dan hu l-għan tal-iStat Malti. Din l-analiżi qasira qed issir proprju biex jiġu identifikati xi punti minn dawn il-Prinċipji li għadhom ma ġewx introdotti fil-liġi ta' Malta u li huma meqjusa bħala vitali w essenzjali għat-tisħiħ tal-Istituzzjoni tal-Ombudsman. Iprem fost dawn huwa li l-Uffiċċju jkollu l-funzjoni speċifika li jinvestiga ilmenti dwar ksur ta' jeddijiet umani, fosthom dak għad-dritt għal amministrazzjoni pubblika tajba, kif ukoll ta' vjolazzjonijiet tal-libertajiet fondamentali. Waqt li l-Uffiċċju tal-Ombudsman sa mit-twaqqif tiegħu dejjem investiga ilmenti ta' din ix-xorta fil-kuntest tal-aġir tal-amministrazzjoni pubblika, ilu snin jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu espressament rikonoxxuti l-funzjonijiet tiegħu fosthom id-dritt tal-ħarsien u l-protezzjoni tal-jeddijiet fundamentali.

# PRINĊIPJU NRU 6

***L-Ombudsman għandu jkun elett u maħtur skont proċeduri maħsuba biex isaħħu l-ogħla limiti tal-awtorità, l-imparzjalità, l-indipendenza u l-leġittimità tal-Istituzzjoni.***

***L-Ombudsman għandu preferibbilment ikun elett mill-Parlament bl-approvazzjoni ta' maġġoranza kwalifikata xierqa.***

## KUMMENT

L-Att dwar l-Ombudsman jesiġi li l-ħatra tiġi approvata minn żewġ terzi tal-Kamra tad-Deputati u jekk imħaddem tajjeb, jassigura awtorità awtonoma w indipendenti tal-ogħla livell.

# PRINĊIPJU NRU 7

***Il-proċedura għall-għażla ta' kandidati għandha tinkludi sejħa pubblika u tkun pubblika u trasparenti, bażata fuq il-mertu, objettiva u stabbilita b'liġi.***

## KUMMENT

Sal-lum l-Att dwar l-Ombudsman ma jipprovdix għall-proċedura bħal din fl-għażla tal-Ombudsman u l-Kummissarji li jaħdmu miegħu. Tipprovdi biss li l-Ombudsman għandu jinħatar mill-President li jaġixxi skont ir-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati, approvata bil-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri tagħha. Hi l-prassi li l-isem li jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kamra mill-Prim Ministru jkun ġie minn qabel maqbul b'konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni. Is-sistema ħadmet sew għalkemm ma jistax jingħad li hi waħda trasparenti jew li neċessarjament twassal biex tiġi maħtura l-persuna li tkun l-aħjar u l-aktar meritevoli.

Hu llum ġeneralment rikonoxxut u rakkomandat li fil-proċess tal-għażla għan-nomina ta' persuni biex jokkupaw karigi fl-ogħla livelli tal-iStat bħal ma huma membri tal-Ġudikatura, l-Ombudsman, l-Awditur Ġenerali w oħrajn, jkun hemm f'xi stadju, proċess ta' għażla wara sejħa pubblika u trasparenti, kondotta bi kriterji stabbiliti b'liġi li twassal għall-gradwatorja tal-applikanti li juru interess fuq bażi ta' mertu, kompetenza w adattabilità. Hu suġġerit li filwaqt li l-proċedura eżistenti tinżamm, tiġi ulterjorment imsaħħa billi l-għażla tal-Ombudsman u tal-Kummissarji, lkoll Uffiċjali tal-Parlament, issir bl-istess makkinarju u metodu li hu maħsub li jiġu introdotti għall-għażla ta' membri tal-Ġudikatura kif rakkomandat mill-Kummissjoni ta' Venezja.

# PRINĊIPJU NRU 8

***Il-kriterji biex jiġi maħtur l-Ombudsman għandhom ikunu biżżejjed wiesgħa biex jinkoraġġixxu firxa wiesgħa ta' kandidati idoneji. Il-kriterji essenzjali huma karattru morali għoli, integrità w esperjenza professjonali xierqa, inkluż fil-qasam tal-jeddijiet umani u libertajiet fondamentali.***

## KUMMENT

Fl-Att dwar l-Ombudsman, l-Artikolu 4 jipprovdi meta persuna tkun skwalifikata li tiġi maħtura Ombudsman. M'hemm l-ebda Artikolu fl-istess Att li jipprovdi għall-kwalitajiet li għandu jkollu Ombudsman u l-Kummissarji. Anke jekk dawk elenkati b'dan il-prinċipju jistgħu jitqiesu li huma ovvji, huwa sewwa li f'emenda maħsuba biex tipprovdi għall-metodu ta' għażla aktar trasparenti, dawn il-kriterji jiġu elenkati bħala rekwiżiti biex jikkwalifikaw persuna għan-nomina.

# PRINĊIPJU NRU 9

***L-Ombudsman m'għandux waqt iż-żmien tal-ħatra tiegħu jew tagħha jinvolvi ruħu f'attivitajiet politiċi, amministrattivi jew professjonali li jkunu inkompatibbli mal-indipendenza tiegħu jew tagħha, jew mal-imparzjalità. L-Ombudsman u l-istaff tiegħu jew tagħha għandhom ikunu marbuta b'Kodiċi ta' Etika li jirregolawhom.***

## KUMMENT

L-Att dwar l-Ombudsman jipprovdi adegwatament għal dan. Is-sub artikli 2 u 3 tal-Artiklu 4 huma aktar restrittivi u ċari billi jipprovdu li l-kariga ta' Ombudsman m'hijiex kompatibbli mal-eżerċizzju ta' xi attività professjonali, bankarja, kummerċjali jew ta' *trade union*, jew kull attività oħra li ssir għal profitt jew rikompens. L-istess restrizzjonijiet huma imposti fuq il-Kummissarji. L-imġieba tal-Ombudsman u l-Kummissarji f'dan ir-rigward huwa suġġett għall-iskrutinju tal-Parlament. L-Ombudsman u l-Kummissarji huma suġġetti wkoll għall-Kodiċi ta' Etika minnhom stess approvat. Dan jinsab ippubblikat mar-rapport annwali tas-sena l-oħra (2018).

# PRINĊIPJU NRU 10

***It-terminu ta' ħatra ta' Ombudsman għandu jkun itwal minn mandat tal-awtorità li taħtru. It-terminu tal-ħatra għandu preferibbilment ikun limitat għal żmien wieħed, mingħajr iċ-ċans li jerġa' jiġi elett jew jinħatar għal terminu ieħor. F'kull każ il-mandat tal-Ombudsman għandu jkun rinnovabbli darba waħda biss. Terminu waħdani għandu preferibbilment ikun ta' mhux anqas minn seba' snin.***

## KUMMENT

Dan l-Uffiċċju irrakkomanda diversi drabi li fil-fehma tiegħu l-ħatra tal-Ombudsman u l-Awditur Ġenerali għandha tkun għal żmien wieħed biss ta' bejn seba' u disa' snin. Dan hu mixtieq mhux biss għax min-naħa l-waħda jnaqqas ir-riskju ta' influenza politika indebita imma wkoll biex tagħti l-opportunità lil min jokkupa karigi għolja li jkollu żmien biżżejjed biex jesegwixxi l-viżjoni u l-politika tiegħu għall-Istituzzjoni. Din ir-rakkomandazzjoni tapplika wkoll għall-ħatra tal-Kummissarji maħtura skont l-emendi għall-Att dwar l-Ombudsman tal-2010. Hija wkoll il-fehma ikkunsidrata tal-Kummissjoni ta' Venezja.

# PRINĊIPJU NRU 11

***L-Ombudsman għandu jitneħħa mill-ħatra biss skont il-lista stabbilita b'liġi li telenka bir-reqqa l-kundizzjonijiet b'mod ċar u raġonevoli. Dawn għandhom jirrelataw biss għall-kriterji essenzjali ta' inkapaċità jew inabilità li jwettaq il-funzjonijiet tal-Uffiċċju, imġieba ħażina jew skorretta li għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv. Il-maġġoranza parlamentari meħtieġa għat-tneħħija, mill-Parlament innifsu jew mill-qorti fuq talba tal-Parlament għandha tkun ugwali ma' u preferibbilment għola minn dik meħtieġa għan-nomina. Il-proċedura għat-tneħħija għandha tkun pubblika, trasparenti u pprovduta b'liġi.***

## KUMMENT

L-Att dwar l-Ombudsman jipprovdi diġà adegwatament għal dan. L-Uffiċċju tal-Ombudsman ippropona li materji li jirrigwardaw il-ħatra u t-tneħħija tal-Ombudsman fost ħwejjeġ oħra għandhom jiġu regolati bi provvediment kostituzzjonali kif huma fil-każ tal-Awditur Ġenerali u mhux sempliċiment regolat mil-liġi ordinarja. Dan hu ulterjorment elaborat fil-proposta Nru 2 fil-pubblikazzjoni dwar it-Tisħiħ tal-iStituzzjoni tal-Ombudsman.

# PRINĊIPJU NRU 12

***Il-mandat tal-Ombudsman għandu jkopri l-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' amministrazzjoni ħażina u l-protezzjoni u l-promozzjonijiet tal-jeddijiet umani u l-libertajiet fondamentali.***

## KUMMENT

Il-Kostituzzjoni u l-Att dwar l-Ombudsman jistabbilixxu li l-funzjoni tal-Ombudsman hi li jinvestiga kull azzjoni jew aġir meħuda mill-Gvern jew għan-nom tiegħu kif ukoll minn entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu. L-Uffiċċju tiegħu jinvestiga kull ilment minn persuni li jħossuhom aggravati minħabba amministrazzjoni ħażina, inġustizzja, abbuż ta' poter jew diskriminazzjoni improprja. Waqt l-investigazzjoni tal-ilmenti l-Ombudsman jindaga wkoll u jagħti opinjoni fuq kull aspett li jolqot il-jeddijiet umani u l-libertajiet fondamentali anki jekk m'għandux għal dan mandat speċifiku fil-funzjonijiet tiegħu. Eċċezzjonijiet li jillimitaw il-mandat tal-Ombudsman huma ftit, speċifikati fl-Att dwar l-Ombudsman u ġustifikati f'soċjetà demokratika.

# PRINĊIPJU NRU 13

***Il-kompetenza istituzzjonali tal-Ombudsman għandha testendi fuq l-amministrazzjoni pubblika fil-livelli kollha.***

***Il-mandat tal-Ombudsman għandu jkopri kull interess ġenerali u servizzi pubbliċi provduti lill-pubbliku kemm jekk mogħtija mill-iStat, mil-lokalitajiet, mill-awtoritajiet tal-iStat jew minn entitajiet privati.***

***Il-kompetenza tal-Ombudsman fir-rigward tal-Ġudikatura għandha tkun limitata biex tassigura l-effiċjenza proċedurali u l-funzjonament amministrattiv ta' dik is-sistema.***

## KUMMENT

L-Att dwar l-Ombudsman jipprovdi li l-kompetenza istituzzjonali testendi għall-amministrazzjoni pubblika fil-livelli kollha, b'eċċezzjonijiet imsemmija fis-sub-artikolu 3 tal-Artiklu 12 li jelenka b'mod esklussiv, limitat u ristrett, persuni u entitajiet li għalihom l-Att ma japplikax jekk mhux f'ċerti ċirkostanzi. Il-liġi tipprovdi wkoll li hi l-funzjoni tal-Ombudsman li jinvestiga kull azzjoni meħuda minn jew għan-nom tal-Gvern jew kull awtorità, entità jew persuna li għalih dak l-Att japplika, sakemm dik l-azzjoni tkun ittieħdet fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet amministrattivi tagħhom. Il-mandat allura jestendi għal kull ħaġa li hija ta' interess ġenerali u għas-servizzi pubbliċi li jiġu ipprovduti lill-pubbliku kemm mill-iStat, mill-Kunsilli Lokali jew minn awtoritajiet tal-iStat.

L-Att però ma jippermettix li l-mandat tal-Ombudsman jestendi biex jinvestiga ilmenti dwar il-provvista ta' servizzi pubbliċi essenzjali minn entitajiet privati, sakemm dawn ma jkunux soġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman skont l-Att dwar l-Ombudsman. Mill-banda

l-oħra l-emenda kostituzzjonali tal-2007 jidher li tippermetti li jsiru investigazzjonijiet ta' din ix-xorta sakemm l-Ombudsman ikun hekk awtorizzat li jagħmel b'liġi. F'dan il-każ, il-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman tkun testendi biss għal dawk l-atti li jittieħdu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet amministrattivi tal-persuni jew entitajiet privati li jkunu meħtieġa biex jipprovdu s-servizz pubbliku essenzjali.

Dan l-Uffiċċju kien fost l-ewwel li rrikonoxxa li l-politika ta' privatizzazzjoni ta' servizzi essenzjali, li fil-passat kienu jingħataw mill-Gvern, għandha vantaġġi sostanzjali fosthom dawk li jiġi attirat l-investiment barrani lejn l-ekonomija u li jiffavorixxi titjib fil-kwalità u l-effiċjenza tas-servizz mogħti.  Mill-banda l-oħra l-Ombudsman f'diversi okkażjonijiet f'dawn l-aħħar snin, wera l-preokkupazzjoni tiegħu għall-konsegwenzi li jistgħu jseħħu meta servizzi essenzjali li qabel kienu jiġu ipprovduti mill-Gvern jew minn aġenziji pubbliċi jew minn aġenziji li fihom il-Gvern għandu kontroll effettiv tal-ishma, jiġu ipprivatizzati kompletament jew parzjalment.  Dan għaliex bħala riżultat tal-privatizzazzjoni ta' dawn is-servizzi essenzjali, tiddgħajjef u anke tista' tixxejjen il-protezzjoni li ċ-ċittadin igawdi taħt l-Att dwar l-Ombudsman billi jilmenta direttament ma' dan l-Uffuċċju dwar amministrazzjoni ħażina ma' dan l-Uffiċċju.  In fatti l-Ombudsman kien fost l-ewwel fl-Ewropa li beda jenfasizza r-realtà ta' dan ir-riskju sa minn qabel l-2010. Kostantament enfasizza li bħala konsegwenza tal-privatizzazzjoni seta' jiġi ippreġudikat id-dritt taċ-ċittadin li jassigura l-għoti ta' servizz pubbliku essenzjali amministrat tajjeb, b'mod ġust, mingħajr diskriminazzjoni improprja u nieqes mill-abbuż.

Hu għamel proposti formali fuq kif jistgħu jiġu emendati l-liġijiet biex il-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman tiġi estiża f'dan ir-rigward.  Fil-proposta nru 6 tal-Publikazzjoni dwar it-Tisħiħ tal-iStituzzjoni tal-Ombudsman (Paġna 35-37) u fl-Ombudsplan tal-2017 sottomess lil din il-Kamra, din il-materja ġiet indikata mill-Ombudsman bħala problema li qed taggrava l-amministrazzjoni pubblika u li  teħtieġ attenzjoni.  Dan b'mod partikolari in vista tal-privatizzazzjoni ta' parti sostanzjali mis-servizzi tas-saħħa pubblika li bdew jingħataw minn kumpaniji privati li fihom il-Gvern la għandu l-maġġoranza tal-ishma u lanqas kontroll effettiv.

Mhux il-każ li f'dan l-Ombudsplan jiġu ripetuti s-sottomissjonijiet li għamel l-Ombudsman fuq din il-materja importanti u sensittiva.  Hu biżżejjed li ssir referenza għad-dokumenti minnu ippubblikati u s-sottomissjonijiet minnu magħmula.  *In vista* tal-Prinċipju ta' Venezja li jesiġi li l-mandat tal-Ombudsman għandu jestendi wkoll għall-provvista tas-servizzi pubbliċi essenzjali provduti lill-pubbliku minn entitajiet privati, hu xieraq li l-implikazzjonijiet ta' din il-materja jiġu studjati fil-fond mil-leġislatur.  Dan bil-għan li jiġi assigurat li ċ-ċittadin jibqa' jgawdi d-dritt tiegħu għal amministrazzjoni pubblika tajba anki meta s-servizz essenzjali qabel mogħti mill-iStat, jiġi privatizzat.

*******

L-Att dwar l-Ombudsman jeskludi mill-ġurisdizzjoni tal-Uffiċċju lill-Ġudizzjarju (Judiciary). Il-qasam tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja f'Malta hu regolat ukoll mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja li tirregola dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ġudikatura u mal-amministrazzjoni tal-proċessi ġudizzjarji.  Hu ċar li f'dawk il-materji l-Ombudsman ma jista' jkollu ebda kompetenza.  Jibqa' kompetenti għal dawk il-materji li jirrigwardaw l-aspett amministrattiv tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja li għalihom hu responsabbli l-Eżekuttiv.

# PRINĊIPJU NRU 14

***L-Ombudsman la għandu jingħata u lanqas isegwi xi istruzzjonijiet minn xi istituzzjoni.***

## KUMMENT

Is-Sub-artiklu 8 tal-Artiklu 13 tal-Att dwar l-Ombudsman jipprovdi espressament li fit-twettieq tal-funzjonijiet tiegħu l-Ombudsman m'għandux ikun soġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra. Huwa essenzjali li l-Ombudsman u l-Kummissarji f'kull ħin jaffermaw u jassiguraw l-indipendenza u l-awtonomija tal-Uffiċċju tagħhom.

# PRINĊIPJU NRU 15

***Kull persuna fiżika jew legali, inklużi Organizzazzjonijiet mhux Governattivi (NGOs) għandu jkollhom dritt ta' aċċess għall-Ombudsman li huwa liberu, ħieles minn kull xkiel u bla ħlas. Jeħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jressqu ilment.***

## KUMMENT

Is-Sub-artiklu 2 tal-Artiklu 13 tal-Att dwar l-Ombudsman jipprovdi li l-Ombudsman jista' jinvestiga kull ilment bil-miktub minn kull persuna li għandha interess li issostni li ġiet milquta ħażin minn xi azzjoni tal-amministrazzjoni pubblika. M'hemm l-ebda limitazzjoni għall-kelma *"persuna"* li tista' tkun fit-territorju tal-iStat Malti jew band'oħra. Lanqas hemm rekwiżit tar-residenza u lanqas taċ-ċittadinanza u tinkludi wkoll kemm persuna fiżika kif ukoll persuna legali. Organizzazzjoni mhux Governattiva għandha dritt tressaq ilment quddiem l-Ombudsman jekk ikollha personalità ġuridika. Hu dejjem meħtieġ li min jilmenta jkollu interess fl-ilment. Hu rakkomandat li ssir emenda fil-liġi biex jiġi assigurat li l-interess meħtieġ biex Organizzazzjoni mhux Governattiva tressaq ilment mhux neċessarjament ikun personali. Għandu jkun biżżejjed li dan ikun intrisikament marbut mal-għanijiet li għalihom l-organizzazzjoni tkun ġiet imwaqqfa.

# PRINĊIPJU NRU 16

***L-Ombudsman għandu jkollu poter diskrezzjonali, li fuq inizjattiva tiegħu jew tagħha jew bħala riżultat ta' ilment, jinvestiga każijiet bil-ħsieb li jingħataw rimedji amministrattivi. L-Ombudsman għandu jkun intitolat li jitlob il-kooperazzjoni ta' kull individwu w organizzazzjoni li jistgħu jassistuh fl-investigazzjonijiet tiegħu jew tagħha. L-Ombudsman għandu jkollu dritt legali li jista' jinforza aċċess bla limitu għad-dokumenti kollha rilevanti,*** **data bases** ***u materjali, inklużi dawk li jistgħu jkunu altrimenti legalment privileġġati jew kunfidenzjali. Din tinkludi wkoll id-dritt għall-aċċess bla xkiel għall-bini, istituzzjonijiet u persuni, inklużi dawk imċaħħda mil-libertà tagħhom.***

***L-Ombudsman għandu jkollu s-setgħa li jintervista u jitlob spjegazzjonijiet bil-miktub minn uffiċjali w awtoritajiet, u aktar minn hekk, jagħti attenzjoni u protezzjoni partikolari lill-*****whistle-blowers** ***fi ħdan is-settur pubbliku.***

## KUMMENT

L-Att tal-1995 kif emendat, jagħti lill-Ombudsman u lill-Kummissarji poteri wiesgħa ħafna biex ikunu jistgħu jmexxu l-investigazzjonijiet tagħhom, fl-għarfien sħiħ tal-fatti rilevanti u fir-rispett tal-prinċipji li jirregolaw is-smigħ xieraq. L-Att għandu diversi artikli li jkopru l-poteri kollha li l-Ombudsman għandu jkollu, skont dan il-Prinċipju, biex jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'mod xieraq. Għandhom il-jedd li jħarrku x-xhieda u jisimgħuhom taħt ġurament u jesiġu li jiġu prodotti f'dokumenti u kull ħaġa oħra li jidhrilhom li huma meħtieġa għall-investigazzjoni. Dawn il-poteri tant huma wiesgħa u kategoriċi li anke l-prinċipju ta' dritt li awtorità tista' tirrifjuta li tagħti informazzjoni jew tipproduċi dokumenti għaliex dan jista' jkun ta' ħsara għall-interess pubbliku, ma japplikax għall-investigazzjonijiet minn dan l-Uffiċċju. Dan ħlief f'każijiet eċċezzjonali fejn il-Prim Ministru jiċċertifika li xhieda bħal din tista' taffettwa s-sigurtà, id-difiża ta' Malta, tkun ta' dannu serju għall-ekonomija nazzjonali, tinvolvi l-iżvelar ta' proċeduri u diskussjonijiet fil-Kabinett jew tippreġudika investigazzjonijiet ta' reati kriminali.

L-Att jimponi pieni ħorox, minn multa sa priġunerija, għal min jirrifjuta li josserva t-taħrika u l-ordnijiet tal-Ombudsman u l-Kummissarji. Ma jipprovdix però għal regoli proċedurali kif dan il-proċess għad-disprezz tal-awtorità tal-Ombudsman għandu jitmexxa b'mod spedit u ċert, quddiem Tribunal kompetenti, preferibbilment fuq talba tal-Ombudsman jew Kummissarju nnifsu. Hu importanti li kull sfida għall-awtorità tal-Uffiċċju tal-Ombudsman tkun sanzjonabbli w esegwibbli b'mod effettiv u spedit.

L-Att dwar l-Ombudsman ma jipprovdix b'mod espliċitu għall-protezzjoni ta' *whistle-blowers* fi ħdan is-settur pubbliku. Jidher li hemm lok għal emenda f'dan ir-rigward. Il-protezzjoni tal-*whistle-blower* fis-settur pubbliku hija riservata fit-termini tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-*Whistle-blower* (Kap 527 tal-Liġijiet ta' Malta) lill-*External Disclosure Whistleblowing Unit* fi ħdan il-Gvern ta' Malta. Dan ifisser li waqt li l-Uffiċċju tal-Ombudsman għandu ġurisdizzjoni biex jinvestiga ilment dwar amministrazzjoni ħażina sottomessa lilu minn persuna li tkun *whistle-blower*, ma jistax jestendilu l-protezzjoni li l-*Whistle-blower* Act jipprovdi għall-*protected disclosure* skont l-Att dwar il-Protezzjoni tal-*Whistle-blower*. L-Ombudsman ikollu allura f'dak il-każ bħala regola, jindirizza lill-*complainant* biex ifittex il-protezzjoni li tista' tiġi lilu mogħtija taħt dak l-Att.

# PRINĊIPJU NRU 17

***L-Ombudsman għandu jkollu s-setgħa li jindirizza rakkomandazzjonijiet individwali lill-persuni jew istituzzjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Uffiċċju tiegħu. L-Ombudsman għandu jkollu d-dritt legali sanzjonabbli li jesiġi li uffiċjali w awtoritajiet jipprovdulu tweġiba fi żmien raġonevoli kif stabbilit mill-Ombudsman.***

## KUMMENT

L-Ombudsman u l-Kummissarji għandhom id-dritt li jagħmlu rakkomandazzjonijiet fuq ilmenti individwali li jinvestigaw lill-awtoritajiet u istituzzjonijiet kollha fl-amministrazzjoni pubblika li jaqgħu fil-kompetenza tal-Uffiċċju. M'għandhomx però dritt legali sanzjonabbli li jesiġu li uffiċjali w awtoritajiet jwieġbu fi żmien raġonevoli minnhom stabbilit għad-domandi tagħhom. Għalkemm huwa fatt li d-diversi dipartimenti fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika, bħala regola, jikkorrispondu b'mod pożittiv mal-Uffiċċju, d-dewmien fl-għoti tar-risposta u fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet hu ħafna drabi kawża ta' diżgwid u frustrazzjoni.

# PRINĊIPJU NRU 18

***Fil-qafas tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni fuq livell nazzjonali ta' strumenti internazzjonali ratifikati li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet umani u mal-libertajiet fondamentali u kif dawn jiġu armonizzati mal-leġislazzjoni nazzjonali, l-Ombudsman għandu jkollu l-poter li jippreżenta fil-pubbliku rakkomandazzjonijiet lill-Parlament jew lill-Eżekuttiv, inkluż dak ta' emendi għal-leġislazzjoni u l-addottar ta' leġislazzjoni ġdida.***

## KUMMENT

L-Ombudsman u l-Kummissarji għandhom dritt bil-liġi li, jekk fil-kors tal-investigazzjoni tagħhom, jirriżultalhom li deċiżjoni, rakkomandazzjoni, att jew omissjoni kienu bażati fuq xi liġi li fil-fehma tagħhom kienet żbaljata, jirrakkomandaw li dik il-liġi tiġi rikonsidrata. Dan japplika wkoll għall-aġir tal-amministrazzjoni pubblika li jkun kontra l-Kostituzzjonali u konvenzjonijiet li jipproteġu l-jeddijiet umani u l-libertajiet fondamentali. M'hemm xejn li jimpedihom milli jindikaw fir-rakkomandazzjoni tagħhom kif il-leġislazzjoni għandha tiġi emendata jew jekk kellhiex tiġi introdotta xi liġi ġdida. L-Ombudsman u l-Kummissarji, permezz tiegħu, għandhom il-fakultà sħiħa li jressqu r-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom lill-Parlament u li jagħmluhom pubbliċi.

# PRINĊIPJU NRU 19

***Wara investigazzjoni l-Ombudsman għandu preferibbilment ikollu poter li jikkontesta l-kostituzzjonalità tal-liġijiet u regolamenti jew ta' atti ġenerali amministrattivi.***

***L-Ombudsman għandu preferibbilment ikollu s-setgħa li jintervjeni quddiem it-Tribunali ġudizzjarji approprijati u l-qrati. Il-preżentata uffiċjali ta' ilment mal-Ombudsman għandha jkollha l-effett li tissospendi termini preskrittivi biex min jagħmel l-ilment jipproċedi quddiem il-Qorti skont il-liġi.***

## KUMMENT

Waqt li l-Ombudsman kien u għadu tal-fehma li r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju tiegħu m'għandhomx ikollhom saħħa eżekuttiva, hu fatt li minn żmien għal żmien ikun hemm rakkomandazzjonijiet mill-Uffiċċju li l-Ombudsman u l-Kummissarji magħmula wara investigazzjonijiet ta' ilmenti, li jkunu konvinti li tkun saret inġustizzja minħabba amministrazzjoni ħażina jew abbuż ta' poter. F'dawk il-każijiet, li huma spiss ta' sensittività għaliex jolqtu l-politika tal-Gvern tal-ġurnata, l-proċedura tal-lum ma tagħti ebda riżultat jew riżultat sodisfaċenti. L-Ombudsman hu tal-opinjoni li f'każijiet bħal dawn għandu jkun hemm l-opportunità li dik l-investigazzjoni u opinjoni finali, meta jkunu hekk jimmeritaw, jiġu mressqa quddiem Qorti jew Tribunal amministrattiv kompetenti biex tiddeċiedi jekk fil-fatt ir-rifjut tal-amministrazzjoni pubblika li taċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman kienx wieħed ġustifikat. Dawn l-aspetti ġew trattati fil-proposta numru 11 fil-pubblikazzjoni dwar it-Tisħiħ tal-Istituzzjoni tal-Ombudsman (Paġna 50/54) li għalihom qed issir referenza. F'dak il-kapitolu kien ġie wkoll issuġġerit li l-preżentata formali ta' ilment fl-Uffiċċju tal-Ombudsman għandu jkollha l-effett li tinterrompi l-perjodu preskrittiv biex jiġi estint kull dritt ta' azzjoni li min jagħmel ilment seta' jkollu fuq l-istess mertu kontra l-amministrazzjoni pubblika. Sal-lum mhux hekk il-każ u dan jista' jkun ta' preġudizzju għal min iressaq ilment.

# PRINĊIPJU NRU 20

***L-Ombudsman għandu jirrapporta lill-Parlament fuq l-attivitajiet tal-Istituzzjoni almenu darba fis-sena. F'dan ir-rapport l-Ombudsman għandu jinforma lill-Parlament dwar in-nuqqas tal-amministrazzjoni pubblika li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju tiegħu. L-Ombudsman għandu wkoll jirrapporta fuq kwistjonijiet speċifiċi skont kif jidhirlu li hu xieraq. Ir-rapporti tal-Ombudsman għandhom isiru pubbliċi u l-awtoritajiet għandhom jagħtu każ indebitu tagħhom.***

***Dan japplika wkoll għal rapporti li għandu jagħti l-Ombudsman maħtur mill-Eżekuttiv.***

## KUMMENT

L-Ombudsman obbligat bil-liġi li darba fis-sena jew daqs kemm jidhirlu spiss u meħtieġ, jagħmel rapport lill-Kamra tad-Deputati fuq il-ħidma fit-twettieq tal-funzjonijiet tiegħu.

Dan ir-rapport jiġi ppreżentat lill-i*Speaker* u jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fl-ewwel opportunità. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll rapporti ta' kull wieħed mill-Kummissarji. L-Ombudsman u l-Kummissarji jistgħu minn żmien għal żmien fl-interess pubbliku, jew fl-interess ta' kull persuna, dipartiment jew organizzazzjoni jippubblika rapporti dwar kull ħaġa li taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-funzjonijiet tagħhom. Dan jagħmluh minn żmien għal żmien u bħala regola jiġu sottomessi wkoll lill-i*Speaker*. Kemm ir-rapport annwali kif ukoll pubblikazzjonijiet oħra tal-Uffiċċju tal-Ombudsman spiss iqanqlu interess fl-opinjoni pubblika għaliex jirrigwardaw materji li jolqtu mill-qrib liċ-ċittadin u d-dritt tiegħu għal amministrazzjoni pubblika tajba. Mhux l-istess jista' jingħad għar-reazzjoni tal-Kamra tad-Deputati li ftit li xejn tikkunsidrahom jew tieħu azzjoni dwarhom.

## PRINĊIPJU NRU 21

***Riżorsi finanzjarji suffiċjenti w indipendenti għandhom ikunu assigurati lill-Istituzzjoni tal-Ombudsman. Il-liġi għandha tipprovdi li l-allokazzjoni finanzjarja ta' fondi għall-Istituzzjoni tal-Ombudsman tkun adegwata biex tassigura li tkun tista' tesegwixxi b'mod indipendenti w effettiv ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet tagħha. L-Ombudsman għandu jkun ikkonsultat u għandu jkun mitlub biex jippreżenta pjan ta' baġit għas-sena finanzjara li jmiss. Il-baġit allokat għall-Istituzzjoni m'għandux jiġi mnaqqas tul is-sena finanzjarja sakemm tnaqqis bħal dan ma jkunx qed jiġi applikat fuq bażi ġenerali għal istituzzjonijiet oħra tal-iStat. L-awditjar finanzjarju indipendenti tal-baġit tal-Ombudsman għandu jqis biss il-legalità tal-proċeduri finanzjari u mhux l-għażla tal-prijoritajiet fl-eżekuzzjoni tal-mandat tiegħu.***

### KUMMENT

L-Att dwar l-Ombudsman jipprovdi b'mod adegwat għal dan il-Prinċipju meta jimponi fuq l-Ombudsman l-obbligu li jippreżenta kull sena Ombudsplan biex jiġi diskuss fil-Kamra tad-Deputati. L-Att jipprovdi wkoll li l-kontijiet tal-Uffiċċju tal-Ombudsman għandhom jiġu verifikati mid-Direttur tal-Verifika u għal dan għandu japplika l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika. L-Ombudsman hu responsabbli għan-nefqa rikorrenti u kapitali mingħajr xkiel sakemm in-nefqa ma tkunx teċċedi l-ammont approvat mill-Kamra tad-Deputati u li jitħallas mill-fond konsolidat. Ikun xieraq li l-prinċipji bażiċi ta' dawn il-provvedimenti jkunu rikonoxxuti kostituzzjonalment.

# PRINĊIPJU NRU 22

***L-Istituzzjoni tal-Ombudsman għandu jkollha impjegati biżżejjed u strutturi flessibbli xierqa. L-Istituzzjoni tista' tinkludi Deputat Ombudsman jew aktar, maħtura mill-Ombudsman. L-Ombudsman għandu jkollu l-fakultà li jaħtar lill-uffiċjali w impjegati li jkun jeħtieġ għat-twettieq tal-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet tiegħu.***

## KUMMENT

L-Att dwar l-Ombudsman jipprovdi adegwatament dwar il-jedd tal-Ombudsman li jimpjega uffiċjali u impjegati meħtieġa. Dan indipendentement mir-regoli li japplikaw għall-ingaġġ ta' persuni fis-servizz pubbliku. L-unika restrizzjoni ġusta hija dik li l-Ombudsman irid josserva d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u ta' kull liġi oħra li tirregola l-impjieg. L-Att dwar l-Ombudsman ma jipprovdix għall-ħatra ta' Deputat Ombudsman. Din hija waħda mill-emendi li hu ippropona żmien ilu anke fil-pubblikazzjoni dwar it-Tisħiħ tal-Istituzzjoni tal-Ombudsman (f'paġna 16). Dan anke biex iġib l-Istituzzjoni konformi ma' dak li hu ipprovdut fil-Kostituzzjoni rigward il-ħatra ta' Deputat Awditur Ġenerali. L-esperjenza wriet li l-provvedimenti tal-liġi għall-ħatra ta' Ombudsman Temporanju, anke meta l-Ombudsman ikun sempliċiment assenti minn Malta, huma ta' xkiel għall-funzjonament tal-Istituzzjoni u għandhom jiġu riformati.

# PRINĊIPJU NRU 23

***L-Ombudsman, id-Deputati tiegħu w uffiċjali li jieħdu deċiżjonijiet għandhom ikunu eżenti minn proċeduri legali fir-rigward ta' attivitajiet u kliem mitkellma jew miktuba li huma jwettqu għall-Istituzzjoni fil-kapaċità uffiċjali tagħhom (immunità funzjonali). Tali immunità funzjonali għandha tapplika wkoll wara li l-Ombudsman, id-Deputati w uffiċjali li jieħdu deċiżjonijiet iħallu lill-Istituzzjoni.***

## KUMMENT

L-Artiklu 25 tal-Att dwar l-Ombudsman jipprovdi dwar dan. L-immunità tal-Ombudsman, tal-Kummissarji u ta' kull membru tal-Uffiċċju tiegħu bla ebda limiti huma eżenti minn kull proċediment ċivili jew kriminali fir-rigward ta' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, sakemm ma jiġix provat li jkunu aġixxew *in mala fede*. Huma wkoll ma jistgħux jitħarrku sabiex jixhdu quddiem il-Qrati jew matul xi proċediment ta' xorta ġudizzjarja dwar kull ħaġa li huma jsiru jafu biha fit-twettieq tal-funzjonijiet tagħhom. M'hemmx provvediment espress li din l-immunità funzjonali tibqa' tapplika wkoll wara li l-Ombudsman, id-Deputati tiegħu, u l-impjegati tal-Uffiċċju jħallu l-Istituzzjoni. Wieħed jifhem li hekk għandu jkun u jkun sewwa li dan jiġi espressament provdut.

# PRINĊIPJU NRU 24

***L-Istati għandhom jibqgħu lura milli jieħdu kwalunkwe azzjoni maħsuba biex ikollha l-effett li toħnoq l-Istituzzjoni tal-Ombudsman, jew li toħloq ostakoli għall-funzjonament effettiv tiegħu jew tagħha u għandhom effettivament jipproteġu l-Istituzzjoni minn kull theddid ta' din ix-xorta.***

## KUMMENT

Dan hu prinċipju fundamentali biex jiġi assigurat li l-pajjiż ikollu Istituzzjoni tal-Ombudsman effikaċi u kapaċi li tħares sewwa liċ-ċittadin kontra kull amministrazzjoni ħażina w abbuż tal-poter mill-awtoritajiet tal-iStat. Filwaqt li r-rikonoxximent Kostituzzjonali jagħmilha diffiċli li l-Istituzzjoni tiġi soppressa għal kollox, pressjoni indebita diretta jew indiretta tista' ixxekkel jew mhux tinnewtralizza l-funzjonament xieraq tal-Istituzzjoni bħala organu ta' monitoraġġ effettiv fis-servizz tal-Parlament. F'dan ir-rigward jeħtieġ f'kull ħin li tiġi mgħassa anki mill-opinjoni pubblika, l-volontà politika li l-Istituzzjoni tiġi f'kull ħin imħarsa u mwettqa biex tkun l-għassiesa tal-jeddijiet taċ-ċittadin u l-kuxjenza tal-amministrazzjoni pubblika.

# PRINĊIPJU NRU 25

***Dawn il-prinċipji għandhom ikunu moqrija, interpretati w użati biex jikkonsolidaw u jsaħħu l-Istituzzjoni tal-Ombudsman. Tenut kont tas-sistemi varji u status legali differenti tal-Istituzzjonijiet tal-Ombudsman u l-impjegati tagħhom, l-iStati huma mħeġġa li jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa, inklużi t-tibdil Kostituzzjonali u leġislattivi biex jipprovdu kundizzjonijiet xierqa li jsaħħu u jiżviluppaw l-Istituzzjonijiet tal-Ombudsman u l-kapaċità, l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom, fl-ispirtu u b'mod konformi mal-Prinċipju ta' Venezja biex b'hekk tiġi assigurata l-implimentazzjoni xierqa, f'waqtha w effettiva tagħhom.***

## KUMMENT

Din għandha tkun ix-xewqa ta' min għandu għal qalbu l-Istituzzjoni. M'hemm ebda kumment x'wieħed iżid ma' dan il-Prinċipju.



# AĠĠORNAMENT TAL-LIĠIJIET DWAR L-OMBUDSMAN

# 02



# AĠĠORNAMENT TAL-LIĠIJIET **DWAR L-OMBUDSMAN**

## LEĠISLAZZJONI PROGRESSIVA LI TAĦDEM

Din l-analiżi qasira tal-Prinċipji ta' Venezja u kif dawn huma riflessi fil-qafas kostituzzjonali u legali li jirregola lill-Ombudsman, turi b'mod ċar li sa mit-twaqqif tagħha, l-Istituzzjoni kienet mogħnija bl-elementi essenzjali li jassiguraw l-indipendenza u l-awtonomija tagħha mill-Eżekuttiv. Hu ta' sodisfazzjon li wieħed jinnota li l-leġislatur, b'mod unanimu, kien qabel li jagħti lill-Istituzzjoni l-għodda kollha meħtieġa biex tkun tista' tinvestiga l-aġir tal-amministrazzjoni pubblika u biex tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa fejn jirriżulta li dan kien kawża ta' ħsara u preġudizzju liċ-ċittadin.

Biż-żmien l-Istituzzjoni evolviet u llum, bil-ħatra tal-Kummissarji hi f'pożizzjoni li toffri servizz speċjalizzat, aktar iffokat u awtorevoli. Sewwa ġie innotat li l-Att dwar l-Ombudsman tal-1995 kif emendat, kien wieħed mill-aktar progressivi meta ġie fis-seħħ u għadu sal-lum wieħed validu w effettiv. Dan b'mod partikolari meta wieħed iqis il-funzjonijiet li għandu l-Ombudsman li jestendu għall-amministrazzjoni pubblika kollha anke f'sens wiesgħa, kif ukoll id-dritt li għandu li jagħmel investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja fejn jidhirlu li hemm proċessi u proċeduri amministrattivi, kif ukoll leġislazzjoni u regolamenti, li qed ikunu kawża ta' inġustizzja w amministrazzjoni ħażina.

## TITJIB MEĦTIEĠ FIL-QAFAS LEĠISLATTIV

*L-esperjenza wriet u qed turi li hemm lok ta' titjib fil-qafas leġislattiv biex jassigura li x-xogħol tal-Ombudsman u l-Kummissarji jkun aktar effiċjenti w effettiv.*

Naturalment l-esperjenza wriet u qed turi li hemm lok ta' titjib fil-qafas leġislattiv biex jassigura li x-xogħol tal-Ombudsman u l-Kummissarji jkun aktar effiċjenti w effettiv. Dan b'mod partikolari fir-rigward ta' proċeduri maħsuba biex jassiguraw b'ħeffa li l-awtorità tal-Ombudsman u l-Kummissarji tiġi rikonoxxuta u rispettata fejn meħtieġ. Wasal ukoll iż-żmien li jiġu kunsidrati emendi li jassiguraw li r-rakkomandazzjonijiet tagħhom jiġu sewwa ikkonsidrati u fil-fond diskussi u deċiżi mill-organi kompetenti tal-Kamra tad-Deputati u eċċezzjonalment, ukoll ġudizzjarjament.

Dan kollu jinkwadra sewwa fil-Prinċipji ta' Venezja u l-kummenti li saru dwarhom. Huma jirriflettu wkoll dak li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ilu snin jirrakkomanda u formalment isottometta fil-pubblikazzjoni fuq it-Tisħiħ tal-Istituzzjoni tal-Ombudsman, ippubblikat f'Jannar 2014, li għalih l-Ombudsman jistieden lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati jagħmlu referenza sħiħa. F'dak id-dokument isiru għadd ta' rakkomandazzjonijiet li, meta moqrija mal-Prinċipji ta' Venezja, jagħtu stampa ċara ta' kif jidher li għandha tiġi aġġornata l-leġislazzjoni biex tassigura servizz ta' Ombudsman li jkun aktar awtonomu u indipendenti, effettiv u sigur fl-interess taċ-ċittadin.

Hi l-fehma tal-Ombudsman li wasal iż-żmien, kważi fl-għeluq tal-ħamsa u għoxrin sena minn mindu daħal fis-seħħ l-Att XXI tal-1995, li dan jiġi rivedut u aġġornat biex jilqa' għaż-żminijiet tal-lum u l-isfidi li qegħdin kontinwament jinbidlu. Dan fi żmien meta hemm għatx u bżonn biex is-Saltna tad-Dritt tiġi aktar assigurata. Ix-xenarju għar-reviżjoni, sostnuta u mhux sempliċiment kożmetika, hu f'waqtu. Il-proposti u r-rakkomandazzjonijiet għat-tibdil huma ċari u issa sostnuti mill-kummissjoni awtorevoli tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-mira għandha tkun li din l-Istituzzjoni, bħal dik tal-Awditur Ġenerali, tkun rikonoxxuta bħala organu vitali għall-verifika tal-amministrazzjoni pubblika fis-servizz tal-Kamra tad-Deputati u tingħata l-għodda kollha meħtieġa biex teżerċita l-funzjonijiet tagħha b'mod l-aktar effettiv.

## IL-POTER JEĦTIEĠ JIĠI DEĊENTRALIZZAT

L-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja ngħatat fl-isfond tal-preokkupazzjoni prinċipali għas-saltna tad-dritt li l-poteri fil-pajjiż huma wisq konċentrati fil-persuna tal-Prim Ministru. Tqis li hemm ħtieġa mhux biss li l-poter jiġi deċentralizzat imma wkoll li jkun suġġett għall-verifika effettiva li tassigura kontabilità sħiħa tal-amministrazzjoni pubblika. Hu proprju għalhekk li l-Kummissjoni ta' Venezja ħasset li kellha tenfasizza l-ħtieġa li jiġu introdotti miżuri addizzjonali li jiffavorixxu l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-Istituzzjoni tal-Ombudsman. Dan biex jiġi aktar assigurat li jkun strument ta' difiża għaċ-ċittadin kontra l-arbitrarjetà amministrattiva, l-abbuż tal-poter u l-inġustizzja. Strument indipendenti u awtorevoli li jkun igawdi mhux biss il-fiduċja taċ-ċittadin imma wkoll tal-Kamra tad-Deputati li tagħha l-Ombudsman u l-Kummissarji huma Uffiċjali u li lilha għandhom jagħtu kont.

Naturalment daqs kemm hu meħtieġ u pożittiv li l-qafas leġislattiv jiġi aġġornat biex titjieb il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-Istituzzjoni tal-Ombudsman, daqstant ieħor hu ta' ħasra u negattiv li l-Istituzzjoni tiġi imminata u mxekkla, anke jekk mhux neċessarjament konxjament, minn aġir amministrattiv. Dan spiss jiġri għaliex ikun hemm nuqqas ta' rispett lejn l-awtorità tal-Ombudsman u tal-Kummissarji proprju għaliex l-amministratur pubbliku ma jifhimx x'inhi sewwa l-funzjoni tal-Istituzzjoni bħala difensur taċ-ċittadin.

## L-OMBUDSMAN GĦAS-SERVIZZ TAĊ-ĊITTADIN

Dan in-nuqqas ta' għarfien dwar in-natura essenzjali tal-Uffiċċju u r-rwol tiegħu bħala medjatur bejn min jagħmel l-ilment u l-amministrazzjoni pubblika, spiss iwassal għal tnaqqir fil-livell ta' kooperazzjoni u kultant ukoll ta' konfrontazzjoni waqt l-investigazzjoni. Dan meta l-iskop tal-medjazzjoni mhux limitat biex jiġu rimedjati l-inġustizzji imma wkoll li finalment titjieb l-amministrazzjoni pubblika. Dan in-nuqqas ta' għarfien juri ruħu f'diversi forom u xejriet, li jvarjaw mill-injoranza ta' konsulenti legali ta' awtoritajiet pubbliċi u kunsilli lokali dwar il-funzjoni tal-Ombudsman u l-provvedimenti tal-Att li jirregolawh, sal-kunċett manifestament żbaljat li l-Uffiċċju tal-Ombudsman m'hu xejn ħlief estensjoni tas-servizz pubbliku li hu mistenni li jimplimenta l-politika tal-Gvern tal-ġurnata meta dan għandu jkun prinċipalment għas-servizz taċ-ċittadin. Dan sal-punt li fejn l-opinjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman ma tkunx taqbel mal-politika tal-Gvern jew ta' awtorità pubblika li taqa' taħt l-iskrutinju tiegħu, din tista' tiġi skartata.

## INIZJATTIVI LI JDGĦAJJFU L-ISTITUZZJONI

Inizjattivi oħra li jdgħajjfu l-Istituzzjoni tal-Ombudsman huma riżultat ta' politika li tqis li l-amministrazzjoni pubblika għandha tkun indirizzata biex tissodisfa l-bżonnijiet, l-ispirazzjonijiet u pretensjonijiet tal-individwi aktar milli biex itejbu l-ġid komuni billi jagħtu lil kull persuna dak li ħaqqha. Waqt li hu sewwa li d-deċiżjonijiet amministrattivi jkunu immirati biex jilqgħu b'mod konkret għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini sakemm dawn ikunu konformi mal-liġijiet u regolamenti li jimponu li l-ġid jitqassam b'mod ġust u ekwu, trasparenti u kontabbli, politika li tagħmel amministrazzjoni pubblika wisq personalizzata tista' tagħti lok u tiffavorixxi klijenteliżmu, partiġġjaniżmu u diskriminazzjoni indebita. Ċittadin aggravat jiġi f'ċirkostanzi bħal dawn, inkuraġġit ifittex *redress* għall-inġustizzja li jallega li sofra mhux billi jirrikorri għall-istituzzjonijiet bħall-Ombudsman, imwaqqfa biex jassigurawlu l-ġustizzja u jagħtuh raġun jekk jistħoqqlu, imma li jersaq lejn strutturi amministrattivi li ma jkunux marbutin li jqisu l-ilment tiegħu bl-istess mod rigoruż, bl-applikazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, u bl-ekwità. Strutturi maħluqa biex jaqdu liċ-ċittadin iżda li jistgħu jagħtu lok għall-konvenjenza u opportuniżmu. Dan ikun kontra l-ispirtu ta' amministrazzjoni pubblika tajba. Dan l-Uffiċċju esprima ruħu favur mekkaniżmi amministrattivi interni li jipprovdu mezz ta' *redress* biex jiġu korretti inġustizzji. Dejjem insista però li dawn għandhom ikunu sewwa regolati. Dan f'qafas li jassigura trasparenza u kontabilità; li jorbothom japplikaw il-liġijiet u r-regolamenti li kienu fis-seħħ meta allegatament ġrat l-inġustizzja u dan strettament fil-limiti tad-diskrezzjoni amministrattiva li kienu jippermettu.


OMBUDSMAN
On the strengthening
of the Ombudsman Institution
A proposal by
The Office of the Parliamentary Ombudsman
January 2014



# KONSULTAZZJONI MEĦTIEĠA F'DEMOKRAZIJA PARTEĊIPATTIVA

03

# KONSULTAZZJONI MEĦTIEĠA
# F'DEMOKRAZIJA PARTEĊIPATTIVA

## NUQQAS TA' KONSULTAZZJONI TNISSEL SFIDUĊJA

Atteġġjament ieħor li hu turija ta' nuqqas ta' fiduċja fl-Istituzzjoni tal-Ombudsman u ta' apprezzament għax-xogħol li jwettaq għat-titjib tal-amministrazzjoni pubblika, hu n-nuqqas ta' konsultazzjoni fuq miżuri li jkunu maħsuba li jittieħdu u li jimpattaw mhux biss fuq l-amministrazzjoni pubblika ġenerali u d-dritt taċ-ċittadin għal amministrazzjoni pubblika aħjar imma wkoll fuq l-Istituzzjoni tal-Ombudsman infisha.

Sal-lum per eżempju l-Ombudsman ma ġie bl-ebda mod konsultat dwar l-emendi li l-Gvern bi ħsiebu jressaq għall-Att dwar l-Ombudsman biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja.  Dan anke issa li tressaq l-Ewwel Qari tal-Abbozz. F'pajjiż fejn in-naħat kollha tal-ispettru politiku tas-soċjetà ċivili, iprofessaw twemmin ta' demokrazija parteċipattiva, l-Ombudsman ma jifhimx ir-riluttanza li jkun hemm konsultazzjoni sħiħa miegħu u mal-Kummissarji, anke jekk b'mod kunfidenzjali, dwar miżuri li jkunu ser jitressqu quddiem il-Kamra tad-Deputati u li direttament jolqtu l-mod kif l-Istituzzjoni għandha tissaħħaħ, titmexxa u tiffunzjona.

## KONSULTAZZJONI F'WAQTHA TAGĦTI L-FROTT

Fil-fehma tal-Ombudsman konsultazzjoni oġġettiva u sfiqa dwar dawn ir-riformi ma tistax tħalli ħlief ġid, speċjalment tenut kont tal-fatt li l-Uffiċċju tiegħu diġà għamel proposti estensivi li jistgħu u għandhom ikunu kkunsidrati.

*F'pajjiż fejn in-naħat kollha tal-ispettru politiku tas-soċjetà ċivili, iprofessaw twemmin ta' demokrazija parteċipattiva l-Ombudsman ma jifhimx ir-riluttanza li jkun hemm konsultazzjoni sħiħa miegħu u mal-Kummissarji.*

Daqs kemm tista' tkun ta' ġid il-konsultazzjoni, speċjalment meta magħmula b'mod preventiv qabel ma jitressqu proposti leġislattivi u qabel jiġi intavolat l-abbozz quddiem il-Kamra tad-Deputati, daqstant ieħor jista' jkun ta' ħsara, kultant bla bżonn u evitabbli, meta l-konsultazzjoni ma ssirx.  Il-partiti politiċi kollha huma mpenjati anke fil-programmi elettorali tagħhom li jfasslu *policies* importanti wara li s-soċjetà ċivili u dawk interessati jkunu ngħataw l-opportunità jsemmgħu leħinhom u fejn meħtieġ jagħmlu suġġerimenti

u kritika kostruttiva. Meta dan il-proċess isir fi spirtu ta' djalogu u ma' amministrazzjoni pubblika lesta li tisma' u tixtarr u fejn meħtieġ tilqa' proposti għal titjib, ir-riżultat ma jistax ma jkunx pożittiv u ta' vantaġġ mhux biss għas-soċjetà ġenerali imma wkoll għall-istess amministrazzjoni pubblika.

Il-leġislazzjoni proposta titjieb għaliex tkun għaddiet mill-għarbiel mhux biss ta' min hu interessat direttament fil-mertu tagħha u jkollu għarfien sħiħ tal-implikazzjonijiet u l-konsegwenzi tal-emendi proposti imma wkoll għaliex issaffiet bil-kontribut ta' akkademiċi esperti fil-materja.

## EŻEMPJU KLASSIKU TA' KONSULTAZZJONI WIESGĦA

Eżempju klassiku ta' konsultazzjoni wiesgħa pożittiva f'dawn l-aħħar xhur kienet dik imnedija mill-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza dwar l-abbozz ta' liġi dwar l-ugwaljanza u l-abbozz ta' liġi dwar il-Kummissjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza. Din il-konsultazzjoni kienet magħmula f'diversi stadji mill-pubblikazzjoni ta' *White Paper* sa dokumenti li kienu jipprovdu l-ewwel *drafts* tal-abbozzi ta' liġi li eventwalment ingħataw l-Ewwel Qari fil-Kamra tad-Deputati. Dawn id-dokumenti li kellhom elementi indubbjament kontroversjali, ġustament qanqlu interess konsiderevoli u kienu bosta awtoritajiet imwaqqfa b'liġi, korpi kostitwiti u s-soċjetà ċivili li taw il-kontribut tagħhom.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman ikkontribwixxa f'kull stadju f'din il-konsultazzjoni u qanqal oġġezzjonijiet serji li eventwalment ġew riflessi wkoll f'opinjoni fuq il-materja li l-Gvern kien talab mingħand il-Kummissjoni ta' Venezja. B'riżultat ta' din il-konsultazzjoni kostruttiva l-abbozzi ta' liġi ġew radikalment mibdula, f'ħafna aspetti ċertament għall-aħjar għalkemm għad hemm oħrajn li jeħtieġ li jiġu studjati aktar fil-fond. Dawn jirrigwardaw partikularment ir-relazzjoni bejn il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qrati kompetenti bil-Kostituzzjoni biex jieħdu konjizzjoni u jiddeċiedu każijiet ta' jeddijiet fondamentali. Jidher li għad hemm, f'dan ir-rigward, riskju ta' konflitt ta' ġurisdizzjoni bejn din il-Kummissjoni u l-funzjoni eżekuttiva tagħha eżerċitata mill-Bord u l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali u l-istess qorti kostituzzjonali.

## KONFLITTI LI JEĦTIEĠ LI JIĠU ĊĊARATI

Aspett ieħor li baqa' ma ġiex iċċarat huwa dak tar-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u awtoritajiet kostituzzjonali jew xorta oħra mwaqqfa b'liġi fosthom l-Ombudsman, speċjalment fejn id-deċiżjonijiet tagħhom għandhom saħħa eżekuttiva. Anke hawn hemm ir-riskju ta' deċiżjonijiet konfliġġenti minn awtoritajiet differenti, apparti l-konfużjoni li tinħoloq f'min ikun aggravat dwar liema rimedju għandu jfittex. Dwar dawn il-kwistjonijiet u oħrajn l-Uffiċċju tal-Ombudsman għamel is-sottomissjonijiet tiegħu. Sottomissjonijiet li ġew sottoskritti b'qawwa u, sewwa jingħad, b'enfasi akkademika aħjar, fl-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja.

Dawn huma materji li għandhom jattiraw l-attenzjoni tal-Kamra tad-Deputati waqt id-dibattitu fuq l-abbozzi. Punt li wieħed irid jagħmel f'dan l-istadju hu li l-konsultazzjoni imnedija mill-Ministeru tat il-frott u l-abbozzi illum huma ferm aħjar minn kif kienu ġew oriġinarjament proposti. Għad baqa' x'isir biex xi oġġezzjonijiet serji fondamentali jiġu ċċarati. L-Ombudsman jibqa' impenjat biex jagħti l-kontribut tiegħu biex iseħħ dan it-titjib.

Aspett ta' dan il-korp ta' liġijiet li jeħtieġ li jiġi sewwa studjat hu li, waqt li d-dritt tal-individwu li jiġi trattat l-istess qed jiġi rikonoxxut u regolat bħala dritt fih innifsu, ma jidhirx li hemm biżżejjed għarfien li dan id-dritt irid jiġi meqjus u applikat fl-eżerċizzju ta' kull dritt ieħor. Hu dritt u dmir ta' kull min jeżerċita xi forma ta' poter eżekuttiv, amministrattiv jew

xort'oħra li josserva u japplika l-provvedimenti tal-liġi dwar l-ugwaljanza fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet proprji tiegħu. Billi din il-liġi hi parti mill-ordinament ġuridiku ordinarju, kull qorti, jew tribunal imwaqqaf b'liġi jew awtorità kważi ġudizzjarja għandha tqis u tapplika din il-liġi li tassigura l-ugwaljanza tista' tgħid f'kull aspett tal-ħajja.

F'ċirkostanzi bħal dawn hu ċar li jistgħu jinqalgħu konflitti ta' ġurisdizzjoni, dubji dwar iċ-ċertezza tad-dritt minħabba interpretazzjonijiet konfliġġenti kif ukoll konfużjoni dwar liema triq għandha tagħżel il-persuna aggravata biex tfittex *redress* għall-inġustizzja li tallega li sofriet. Dawn huma kollha kwistjonijiet li jolqtu lill-Istituzzjoni tal-Ombudsman mill-qrib fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu. F'dan ir-rigward l-Ombudsman kien irrakkomanda bħala l-ewwel pass, li l-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza għandha bħala regola, tkun obbligata fuq livell amministrattiv li tirreferi ilment li tirċievi u li jkun jaqa' fil-ġurisdizzjoni ta' awtorità kostituzzjonali jew amministrattiva jew li jkollha ġurisdizzjoni bil-liġi li tieħu konjizzjoni tal-mertu prinċipali tiegħu, lil dik l-entità. Dan speċjalment fejn il-mertu ma jkunx esklussivament jew prinċipalment wieħed ta' ksur tal-jedd tal-ugwaljanza.

Mill-ewwel eżami jidher li dawn l-aspetti importanti li jagħtu lok għal tħassib ma ġewx trattati biżżejjed fl-abbozzi mressqa quddiem il-Kamra tad-Deputati. B'danakollu jingħad li m'hemmx dubju li l-konsultazzjoni estensiva tat riżultat pożittiv u l-abbozzi huma ċertament titjib fuq dak li kien oriġinarjament propost.

## KONSEGWENZI NEGATTIVI MINĦABBA NUQQAS TA' KONSULTAZZJONI

Mill-banda l-oħra eżempju ta' konsegwenzi negattivi li tista' tbati l-Istituzzjoni tal-Ombudsman minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni hu l-mod kif l-Ombudsman ġie involut bħala awtorità preskritta li tirċievi svelar estern meta ġie approvat l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Informatur *(Protection of the Whistleblower Act)* (Kap 527 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan ġie fis-seħħ fil-15 ta' Settembru 2013. Skont l-Artikoli 16 u 17 ta' dak l-Att, l-Ombudsman bħala awtorità li jista' jinvestiga żvelar estern ta' informazzjoni protetta fiċ-ċirkostanzi indikati fl-Att, għandu jwaqqaf Unità biex tirċievi u tipproċessa din l-informazzjoni.

L-Ombudsman bħala awtorità preskritta li tirċievi żvelar estern, jirċievi rapporti li jinvolvu:

1. imġieba dwar riskju sostanzjali għas-saħħa u s-sigurtà pubblika jew l-ambjent, li jekk provata, tkun tikkostitwixxi reat kriminali; u

2. kull kwistjoni oħra li tikkostitwixxi prattiċi mhux xierqa u li m'humiex intiżi li jiġu rapportati lil xi awtorità oħra.

Din l-Unità, imwaqqfa mill-Ombudsman fi ħdan l-Uffiċċju tiegħu biex tipproċessa rapporti dwar żvelar ta' informazzjoni, sservi ta' filtru biex tiddetermina jekk l-iżvelar li rċeviet għandux jiġi riferut għal aktar investigazzjoni mill-Uffiċċju tal-Ombudsman jew minn xi awtorità oħra jew le.

## SITWAZZJONI TA' DIFFIKULTA

Dan l-iżvilupp jista' jpoġġi lill-Uffiċċju tal-Ombudsman f'sitwazzjoni ta' diffikulta għaliex il-funzjonijiet li mistenni jaqdi taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Informatur huma estranji għal dawk li hu msejjaħ jeżerċita taħt l-Att dwar l-Ombudsman. Biżżejjed jingħad li taħt il-liġi dwar il-Protezzjoni tal-Informatur, l-Ombudsman qed jiġi mogħti l-funzjoni li jinvestiga entitajiet privati meta l-funzjoni tiegħu fl-Att dwar l-Ombudsman hi espressament limitata għall-atti tal-amministrazzjoni pubblika. Għalhekk, il-poteri wiesgħa ta' investigazzjoni u l-aċċess għad-dokumentazzjoni relattiva mogħtija lill-Ombudsman taħt l-Att dwar l-Ombudsman huma limitati għall-amministrazzjoni pubblika f'sens wiesgħa u għas-settur pubbliku in ġenerali. Ma jidhirx li l-Ombudsman u l-Unità mwaqqfa minnu sabiex

tinvestiga rapporti ta' żvelar ta' informazzjoni jkunu jistgħu jagħmlu użu minn dawn il-poteri fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att.

Tqum ukoll il-kwistjoni jekk l-uffiċjali fl-Uffiċċju tal-Ombudsman jistgħu jiġu mħarrka quddiem il-Qorti taħt il-*Whistleblower Act*. Jidher li waqt li l-Ombudsman u kull membru tal-Uffiċċju tiegħu ma jistax jiġi mħarrek biex jixhed f'qorti u f'kull proċedura oħra ta' natura ġudizzjarja in konnessjoni ma' tagħrif li jkunu akkwistaw waqt l-investigazzjonijiet ma jidhirx li dawn l-istess uffiċjali huma hekk protetti fir-rigward ta' tagħrif li jkunu akkwistaw fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Informatur. Dan l-Uffiċċju s-sena li għaddiet kellu jaffronta sitwazzjoni ta' din ix-xorta quddiem il-Qrati.

Fuq kollox hemm kwistjoni ta' prinċipju li tirrigwarda n-natura intrinsika tal-Istituzzjoni tal-Ombudsman skont l-ordinament Malti li jidher li ġiet injorata meta ġie approvat l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Informatur. Kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll l-Att dwar l-Ombudsman jiddikjaraw b'mod espliċitu li l-Ombudsman huwa istituzzjoni bil-funzjoni li tinvestiga kull azzjoni li ssir minnu jew f'isem il-Gvern jew awtorità, korp jew persuna oħra li għalihom japplika l-Att dwar l-Ombudsman sakemm dik l-azzjoni ssir fit-twettiq tal-funzjonijiet amministrattivi tagħhom.

## FUNZJONIJIET MHUX KOMPATIBBLI

L-investigazzjoni ta' entitajiet privati jidher allura li hi sal-lum inkompatibbli mal-Uffiċċju tal-Ombudsman. L-Att dwar l-Ombudsman espressament jipprojbih milli jkun f'xi qagħda li ma jkunx kompatibbli mat-twettiq korrett tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu. Dan ukoll għaliex, jista' jiġri li, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Informatur, jinħoloq konflitt ta' interess bejn dawk il-funzjonijiet u dawk li jeżerċita bħala Ombudsman.

Hekk per eżempju, l-Ombudsman taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Informatur għandu l-funzjoni li jinvestiga mġieba mill-privat li tinvolvi riskju sostanzjali lis-saħħa, lis-sigurtà pubblika u l-ambjent. Dawn huma kollha materji li l-Ombudsman u l-Kummissarji minnu maħtura għandhom ġurisdizzjoni li jinvestigaw, jekk rigward tal-mertu, jiġi allegat li kien hemm nuqqasijiet tal-amministrazzjoni pubblika li ikkawżaw inġustizzja. Dan anke fejn ikun hemm biss nuqqas ta' sorveljanza tal-aġir tal-entità privata mill-awtorità pubblika.

Fil-fehma tal-Ombudsman allura hemm lok li l-involviment tal-Ombudsman fil-proċess tal-protezzjoni tal-iżvelar ta' informazzjoni jiġi ikkunsidrat mill-ġdid u aħjar definit.

## IL-LIĠI TAL-VAT - EŻEMPJU IEĦOR TA' NUQQAS TA' KONSULTAZZJONI

Eżempju ieħor fejn in-nuqqas ta' konsultazzjoni fit-tfassil tal-leġislazzjoni qed ikun kawża ta' intralċ fl-investigazzjoni ta' ilmenti jirrigwarda d-dritt tal-Uffiċċju tal-Ombudsman li jitlob mill-Kummissarju tal-VAT informazzjoni jew dokumentazzjoni meħtieġa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu. L-Artiklu 19 tal-Att dwar l-Ombudsman jagħti lill-Uffiċċju setgħat mill-aktar wiesgħa biex jitlob u jesiġi din l-informazzjoni. L-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap 406), li ġie fis-seħħ snin wara l-Att dwar l-Ombudsman, jipprovdi li kull dokument u informazzjoni li tirreferi għal dak l-Att għandu jiġi meqjus sigriet u kunfidenzjali.

Barra dan, kull min hu b'xi mod impjegat biex jamministra l-Att dwar it-Taxxa tal-Valur Miżjud hu eżenti wkoll li jkun imħarrek biex jipproduċi kull dokument jew li jixhed dwar kull ħaġa li jsir jaf matul il-qadi tad-doveri tiegħu quddiem xi qorti, tribunal jew bord ta' inkjesta. Dan sakemm ma jkunx legalment meħtieġ skont it-termini ta' dak l-Att, biex jingħata effett lil dak l-Att. L-Uffiċċju tal-Ombudsman hu eskluż minn din il-lista ta' awtoritajiet ġudizzjarji u kważi ġudizzjarji li quddiemhom ma jistgħux jiġu mħarrka uffiċjali tal-VAT. Lanqas però ma huwa inkluż fil-lista ta' entitajiet li għandhom dritt għall-aċċess mid-Dipartiment tal-VAT għall-informazzjoni li tkun altrimenti sigrieta u kunfidenzjali.

Din il-kontradizzjoni fil-provvedimenti tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-fatt li dan jinjora għal kollox l-eżistenza tal-Uffiċċju tal-Ombudsman, u l-funzjoni tiegħu bħala strument ta' awditjar ta' deċiżjonijiet amministrattivi, wassal għal sitwazzjoni li l-Kummissarju tal-VAT irrifjuta li jagħti informazzjoni u dokumentazzjoni meħtieġa għall-investigazzjoni ta' ilmenti dwar allegazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina li jistgħu jwasslu għal inġustizzja, abbuż ta' poter jew diskriminazzjoni improprja.

## ID-DIPARTIMENT TAL-VAT GĦANDU JKUN SUĠĠETT GĦALL-VERIFIKA TAL-OMBUDSMAN

Ċertament ma seta' qatt kien il-ħsieb tal-leġislatur li d-Dipartiment tal-VAT ikun eżenti mill-iskrutinju u verifika tal-Uffiċċju tal-Ombudsman kif inhuma suġġetti d-dipartimenti l-oħra kollha tal-Gvern, inkluż dawk ta' xejra finanzjarja bħal ma huma d-Dipartiment tat-Taxxi Interni, d-Dipartiment tad-Dwana w oħrajn.  Hu ovvju li kieku l-leġislatur ried li s-segretezza u l-kunfidenzjalità taħt il-liġi tal-Valur Miżjud kellha testendi ukoll għall-Uffiċċju tal-Ombudsman, hu kien jagħmel emenda fl-Att dwar l-Ombudsman u jinkludi lil dak id-Dipartiment fost il-lista ta' awtoritajiet u entitajiet li huma eżenti mill-iskrutinju tal-Uffiċċju tal-Ombudsman.

L-Ombudsman fittex li jintlaħaq kunsens bejn l-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Dħul u l-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari fuq kif dawn il-provvedimenti fl-Atti rispettivi tagħhom, li huma apparentement konfliġġenti, setgħu jiġu interpretati.  Dan b'mod li ma jfixklux u ma jdewmux l-investigazzjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman.  Sfortunatament però ma ntlaħaqx ftehim.  Il-liġi tal-VAT tipprovdi li fejn hu meħtieġ, il-Prim Ministru jista' jagħti direzzjoni li ċerta informazzjoni tiġi mogħtija.  Fil-fatt kien hemm drabi fejn dan il-mekkaniżmu ntuża sabiex tingħata l-informazzjoni meħtieġa u b'dan il-mod setgħu jerġgħu jissoktaw l-investigazzjonijiet. Biss però din it-talba għal rilaxx tal-informazzjoni meħtieġa trid issir għal kull każ individwali u l-eżitu mhux awtomatiku.  Din hi burokrazija żejda li taf tkun ta' intralċ u dewwem l-investigazzjonijiet ta' dan l-Uffiċċju. Il-liġi tal-VAT kif inhi, qed tinċiedi negattivament fuq l-Uffiċċju tal-Ombudsman fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu.

Hemm allura bżonn li l-Artiklu 56 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jiġi urġentement rivedut u għal dan il-fini hu rakkomandat li ssir il-konsultazzjoni meħtieġa, anke ma' dan l-Uffiċċju.



# KONTRIBUZZJONI TAL-KUMMISSARJI PARLAMENTARI

# 04



# KONTRIBUZZJONI
# TAL-KUMMISSARJI PARLAMENTARI

## MIRI U SFIDI TAL-KUMMISSARJI GĦAS-SENA D-DIEĦLA

Għall-ewwel darba l-Kummissarji għall-Investigazzjoni ta' ilmenti f'oqsma speċjalizzati ġew mistiedna jikkontribwixxu għall-Ombudsplan li l-Ombudsman obbligat bil-liġi li jippreżenta lill-Kamra tad-Deputati.

Il-Kummissarji ġew mitluba jindikaw x'inhuma l-miri li jixtiequ jilħqu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom kif ukoll jagħtu ħjiel ta' wħud mill-problemi li mistennija jaffrontaw is-sena d-dieħla. Dan ukoll fid-dawl tal-esperjenza li għaddew minnha fis-snin li għaddew li għenithom japprezzaw kif l-aħjar titjieb ir-relazzjoni bejn iċ-ċittadin, l-amministrazzjoni pubblika u l-Uffiċċju tal-Ombudsman li minnu jiffurmaw parti integrali. Hu ċar li s-soluzzjoni għal uħud mill-problemi identifikati mill-Kummissarji tista' tinstab, jekk u meta l-Istituzzjoni tal-Ombudsman tiġi msaħħa bl-applikazzjoni xierqa u stretta tal-prinċipji fuq il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-Istituzzjoni tal-Ombudsman adottati mill-Kummissjoni ta' Venezja.

L-Ombudsman jawgura li jkun hemm ir-rieda politika meħtieġa biex dan jitwettaq.

# KUMMISSARJU
# GĦALL-AMBJENT U L-IPPJANAR

Fil-25 ta' Ġunju 1998, f'Aarhus fid-Danimarka ġiet adottata konvenzjoni li sussegwentament, fit-23 ta' April 2012 ġiet ratifikata minn Malta, bl-oġġettiv primarju sabiex tikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-dritt tal-individwu kif ukoll tal-ġenerazzjonijiet futuri li jgħixu f'ambjent xieraq għas-saħħa u l-benesseri tagħhom. Din il-konvenzjoni ġiet imsawra fuq tlett prinċipji ewlenin:

1. L-aċċess għall-informazzjoni.
2. Il-parteċipazzjoni pubblika fid-deċiżjonijiet.
3. L-aċċess għall-ġustizzja.

## L-AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI

M'għadux iż-żmien li jkun hemm varji livelli ta' aċċess għad-dokumenti fil-pussess ta' entitajiet pubbliċi. Meta wieħed joħloq distinzjoni fil-livell ta' aċċess għall-istess informazzjoni jkun qed jikser l-ekwità mistennija partikolarment fejn jitratta deċiżjonijiet li jbiddlu l-ambjent li huwa ta' kulħadd. Li entità pubblika jkollha aktar informazzjoni minn min għandu d-dritt li jiskrutina u jattakka d-deċiżjonijiet tal-istess entità quddiem xi Tribunal jew il-Qorti jikser kull prinċipju ta' ekwità u ġustizzja naturali. Għalkemm għandu jkun hemm mezzi kif ċerta informazzjoni, skont l-Att dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, tiġi protetta, għandha tkun in-norma u mhux l-eċċezzjoni li kull dokument fil-pussess tal-entitajiet tal-Gvern ikun pubbliku.

F'dan ir-rigward għandu jsir sforz biex id-dokumenti kollha li jidħlu għand u joħorġu mingħand kull entità tal-Gvern ikunu aċċessibli għal kulħadd. B'hekk biss jista' jkun hemm serħan il-moħħ li d-deċiżjonijiet amministrattivi għal dak li jirrigwarda l-ambjent ikunu qed jittieħdu b'rispett lejn l-istess ambjent u mhux biss lejn xi interessi oħra bħalma huma dawk kummerċjali.

Din is-sena rajna kif is-sistema eżistenti mħaddma mill-Awtorità tal-Ippjanar ġiet estiża għall-*Building Regulation Office.* Nittamaw li din is-sistema tiġi adottata wkoll minn entitajiet oħra tal-Gvern u kif ukoll li kull sistema tkun aċċessibli f'kull xorta (mhux elettronikament biss) għal kulħadd l-istess f'kull livell.

Importanti wkoll li jiġu eliminati korrispondenzi jew direttivi interni verbali sabiex it-trasparenza ma tiġix imtappna. Dan iwassal għall-konsistenza u jsaħħaħ l-istess entità tal-Gvern għax b'hekk biss kollox ikun jista' jiġi magħruf u skrutinizzat. Dan il-prinċipju kien ukoll ikkonfermat riċentament mill-Qorti Kostituzzjonali (Deċiżjoni tas-16/07/2019 Rikors Numru 79/2018).

## IL-PARTIĊIPAZJONI PUBBLIKA

Il-konsultazzjonijiet pubbliċi huma l-aħjar mezz kif wieħed jista' jqarreb lill-pubbliku sabiex jipparteċipa f'deċiżjonijiet relatati mal-ambjent. Madanakollu, għal xi raġuni jew oħra, dan l-irwol qed jittieħed minn entitajiet non-governattivi li jkollhom għan wieħed prinċipali relatat mal-mansjonijiet tagħhom kuntrarjament għal għan aktar wiesgħa li jkun qed jesperjenza ċ-ċittadin. Anke f'ċerti dibattiti li jsiru fuq il-mezzi tax-xandir, meta tkun qed tiġi diskussa xi materja relevanti, jkunu mistiedna jipparteċipaw diversi rappreżentanti ta' entitajiet tal-Gvern jew ta' entitajiet non-governattivi, però jinħass in-nuqqas taċ-ċittadin li fl-aħħar mill-aħħar ikun hu li ser iħoss l-effetti, kemm jekk huma diretti u kif ukoll indiretti, tad-deċiżjonijiet li jkunu qed jittieħdu. Huwa hawnhekk li l-Uffiċċju tal-Ombudsman, bħala d-difensur taċ-ċittadin, għandu jkun proattiv. Fejn iċ-ċittadin ma jkunx qed jinstema għal xi raġuni jew oħra, l-Uffiċċju m'għandux joqgħod lura milli jwassal il-messaġġi fl-interess tal-istess ċittadin kemm direttament u kif ukoll indirettament billi jgħin lill-pubbliku jipparteċipa.

## L-AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA

Iż-żewġ naħat tal-munita għandhom ikunu bilanċjati f'kull qasam fejn tidħol il-ġustizzja naturali. Fejn fuq naħa għandek min għandu interess kummerċjali u għalhekk lest li jinvesti ġidu sabiex jottjeni dak li qed jitlob għax il-gwadann finanzjarju jkun ħa jikkumpensah, fuq in-naħa l-oħra għandek l-interess ambjentali li l-gwadann mhux finanzjarju imma hu ta' ġid nazzjonali komuni. F'dan ir-rigward, għandu jiżdied l-aċċess għall-ġustizzja billi l-iStat joħloq fond sostanzjali sabiex l-aċċess għall-ġustizzja f'każijiet relatati mal-ġid komuni jkun faċilitat mingħajr ebda xkiel finanzjarju. Dan għandu japplika aktar u aktar f'każijiet fejn entità partikolari tal-Gvern tkun oġġezzjonat kontra applikazzjoni li sussegwentament tiġi approvata minn entità oħra tal-Gvern.

## KONKLUŻJONI

Dawn il-materji jistgħu kollha jiġu ċentralizzati f'Uffiċċju wieħed li taħtu jaqgħu l-entitajiet Governattivi kollha relatati mal-ambjent *(GADERENG - Government Authorities, Departments and Entities Related with the Environment Networking Group)* li l-għan prinċipali tiegħu jkun li jiftaħ l-aċċess għall-informazzjoni, jħeġġeġ il-parteċipazzjoni mill-pubbliku u jiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja filwaqt li jikkordina l-entitajiet Governattivi kollha flimkien fl-interess nazzjonali komuni għal dak li jirrigwarda l-ambjent.

Din is-sena rajna progress sostanzjali fil-qasam tal-aċċess għall-informazzjoni fejn is-sistema informatika, li kienet pubblika biss fl-Awtorità tal-Ippjanar, dan l-aħħar ġiet estiża wkoll għall-*Building Regulation Office*. Wieħed jittama, u l-Uffiċċju tal-Kummissarju jibqa' impenjat biex jassigura, li sistemi simili jidħlu fis-seħħ ukoll f'entitajiet oħra tal-Gvern, u fl-istess waqt titwessa' t-trasparenza tant meħtieġa sabiex jiġi mħares l-ambjent li hu ta' kull wieħed u waħda minnha.

# KUMMISSARJU
# GĦALL-EDUKAZZJONI

Il-Kummissarju tal-Edukazzjoni jistenna li s-sena d-dieħla l-Uffiċċju tiegħu jkompli jsegwi mill-qrib materji sensittivi li jolqtu liċ-ċittadin fil-qasam edukattiv. Materji li din is-sena qanqlu interess u dibattitu tant li l-Kummissarju deherlu li jimmeritaw l-intervent tiegħu. Dawn jinkludu a) ir-riformi tal-Matsec; b) *bullying*; u ċ) *outreach*.

## IR-RIFORMI TAL-MATSEC

Ir-riformi tal-Matsec mistennija joħolqu problemi f'dawn is-setturi:

(a) Studenti bid-dislessija u kundizzjonijiet oħra ser ibatu għaliex iż-żieda ta' lingwa ser tkompli toħloqilhom xkiel ġdid. S'issa dawn it-tfal jiġu penalizzati għal kull żball ortografiku u lessiku li jikkommettu, u naturalment dawn l-istudenti jbatu l-aktar f'dawn l-oqsma. Bi tlett lingwi, l-possibbiltà tagħhom li jikkwalifikaw għal korsijiet fl-Università ser jonqsu;

(b) Il-mod li bih jingħataw marki fil-qasam tal-iSport u f'dawk tal-istudji *extra*-kurrikulari jaf ikun suġġettiv wisq, u jista' joħloq diżgwid fost persuni li jħossu li kien ħaqqhom aħjar. Ser ikun diffiċli - jekk mhux impossibbli - li wieħed jasal għall-konklużjonijiet ekwi u sostanzjati bil-fatti.

Il-Kummissarju jittama li jinstabu soluzzjonijiet prattiċi u sodi għal dawn l-aspetti problematiċi u ser jaħdem biex dan iseħħ qabel iż-żmien li fih tidħol fis-seħħ is-sistema l-ġdida.

## *BULLYING*

Il-*bullying* eżista minn dejjem, iżda llum juri xejriet ġodda, u l-Kummissarju jemmen li jista' jerġa' jkollu każijiet quddiemu fil-ġejjieni. Ħafna familji barranin qegħdin jiġu Malta għal perjodi ta' ftit xhur, u jkunu jridu jedukaw lil uliedhom. Bosta minn dawn it-tfal ġejjin minn kulturi differenti, ma jkunux jafu bl-Ingliż u wisq anqas bil-Malti, u malajr iħossli uhom mitlufin u mdejjqa.

Is-sistema tal-Edukazzjoni nazzjonali qatt ma kienet maħsuba sabiex tilqa' l-isfida ta' din is-sitwazzjoni u s-soluzzjonijiet offruti la huma u l-anqas jistgħu jkunu kompletament

sodisfaċenti. Wara ftit ġimgħat, dawn it-tfal jibdew juru ostilità. Mhux it-tfal Maltin kollha, mill-banda l-oħra, huma lesti li jersqu lejhom u jgħinuhom f'dan iż-żmien diffiċli, għal diversi raġunjiet. Dawn huma realtajiet.

Kien għalhekk li l-Kummissarju ħass il-bżonn ta' ħolqien ta' skola fejn dawn it-tfal jiġu mogħtija l-kapaċità li jikkomunikaw almenu b'mod bażiku bil-lingwa franka (l-Ingliż) u mħarrġa fil-prinċipji bażiċi tal-integrazzjoni f'soċjetà għalihom għal kollox ġdida qabel ma' jitpoġġew fl-iskejjel tal-iStat. Dan m'għandu qatt jinftiehem bħala xi mod ta' segregazzjoni, speċjalment għaliex iż-żmien tagħhom fi skola bħal din ikun qasir.

Filwaqt li matul is-sena l-Kummissarju ipproċessa każi li ġew minn skola partikolari, diġà għandu ħjiel li hemm il-problemi ġewwa skejjel oħra, fejn il-barranin huma jew vittmi jew aggressuri, u fejn xi tfal Maltin ukoll imdaħħla f'xi rwol jew ieħor minn dawn. Ir-rwol tal-Kummissarju, iżda, huwa limitat fis-sens li jaġixxi primarjament jekk jitressqulu ilmenti. Bl-ebda mod ma' hu Spettur tal-iskejjel tal-iStat, u l-anqas ma hu Kummissarju tat-tfal. Xogħlu hu li jara jekk l-amministrazzjoni wettqitx nuqqasijiet meta kienet iffaċċjata b'każijiet ta' *bullying*, għalkemm diffiċli għalih li jieqaf hemm, mingħajr ma' jinvolvi ruħu fil-proċess tal-fejqan.

## OUTREACH

Matul is-sena li għaddiet il-Kummissarju ħass li kien hemm bżonn li jiltaqa' ma' uffiċjali nies ta' importanza strateġika fl-istituzzjonijiet eżekuttivi għolja ta' pajjiżna sabiex ikun jista' jifhimhom u sabiex huma jifhmu xogħlu. Ir-Rettur laqa' din it-talba b'entużjażmu u offra kull assistenza. Il-Kummissarju għamel erbatax-il laqgħa, waħda ma' kull Dekan tal-Fakultajiet tal-Università, u jħoss li kienu ta' fejda. Irid jestendi dawn il-laqgħat għall-*management* tal-MCAST u tal-ITS. Dan hu proċess li jifnik mhux biss fiżikament, iżda jirrekjedi li l-Kummissarju jiddedika żmien konsiderevoli għal dan l-eżerċizzju. Wieħed irid joqgħod attent li dan ma jsirx b'sagrifiċċju għall-investigazzjoni ta' ilmenti li l-ammont u l-kumplessità tagħhom qed jiżdiedu.

Il-Kummissarju xtaq li kellu laqgħat individwali mad-Diretturi tal-MEDE, iżda l-ideja ma' tantx iġġenerat interess.

# KUMMISSARJU
# GĦAS-SAĦĦA

Il-Kummissarju għas-Saħħa huwa preokkupat dwar każi fejn rakkomandazzjonijiet tiegħu sabiex jiġu rimedjati inġustizzji ma' jintlaqgħux mid-Dipartiment tas-Saħħa. Dan ukoll għaliex in-natura tal-ilmenti spiss teħtieġ deċiżjoni urġenti u rimedji effettivi fl-interess tal-pazjent.

Fir-Rapport Annwali għas-sena 2018, li tqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati fit-3 ta' Lulju 2019, huwa għamel kummenti dwar il-proċeduri, fil-fehma tiegħu żbaljati, li jintużaw mid-Dipartiment biex jingħataw mediċini b'xejn lil min hu bil-liġi intitolat għalihom.

Kif ġie spjegat fl-Ombudsplan tas-sena 2018 (paġna 13) qed jiġri, li l-individwu jingħata *"raġun iżda jibqa' bir-raġun għaliex ir-rimedju ma' jingħatax"*. Dan għaliex il-provvedimenti li hemm fil-liġi tal-Ombudsman m'humiex jilħqu l-aspettattivi tagħhom, ukoll wara li l-każ jintbagħat lill-Prim Ministru u lill-Parlament. Il-Kumitat Parlamentari dwar is-Saħħa li għandu fost il-funzjonijiet tiegħu l-kunsiderazzjoni tal-opinjonijiet finali lilu riferuti mill-Kummissarju bl-ebda mod m'hu jagħti riżultati effettivi.

Għalhekk il-Kummissarju qed jipproponi li ssir emenda fil-liġi tal-Ombudsman, sabiex l-Ombudsman ikollu d-dritt li jirreferi l-każ il-Qorti, biex l-inġustizzji li jkunu qed isiru jiġu rimedjati. Tkun il-Qorti li tiddeċiedi jekk teżistix vera inġustizzja kif qed jgħid l-Ombudsman u f'dan il-każ, tordna li l-pazjent jingħata rimedju adegwat u f'waqtu.

Is-sena d-dieħla l-Kummissarju jibqa' iffokat fil-ħidma tiegħu biex jassigura li ċ-ċittadin ikompli jgawdi s-servizzi kollha tas-saħħa li għalihom hu bil-liġi intitolat. Servizzi ta' kwalità li jingħataw fil-pront u bla diskriminazzjoni. F'dan ir-rigward hu ser ikompli jinsisti li:

1. Ministeri jew awtoritajiet oħra m'għandhom l-ebda diskrezzjoni li jiddeċiedu huma lil min jagħtu l-informazzjoni li għaliha l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-pubbliku huma intitolati waqt il-verifika tal-aġir tal-amministrazzjoni pubblika. L-Att dwar l-Ombudsman jimponi fuq kull Ministeru, uffiċjal pubbliku u persuna oħra d-dmir li jipprovdi lill-Uffiċċju tal-Ombudsman kull informazzjoni u dokumenti meħtieġa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu. Skużi fi stqarrijiet pubbliċi, li Ministeru jirrifjuta li jagħti dokumentazzjoni li jitlob il-Kummissarju għaliex awtorità oħra tkun qed tindaga dwarhom huma inaċċettabbli; u

2. għandhom jinstabu mezzi xierqa biex jiġi assigurat, anke jekk meħtieġ b'emendi leġislattivi, li s-servizz tal-Ombudsman ikun aċċessibbli b'mod liberu u dirett lil kull ċittadin li jkollu jagħmel użu mis-servizzi essenzjali tas-saħħa qabel mogħtija mill-iStat u issa mogħtija minn soċjetajiet privati li huma esklużi mill-ġurisdizzjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman. Il-privatizzazzjoni m'għandhiex twassal għat-telfien tad-dritt taċ-ċittadin li jirrikorri għand il-Kummissarju tas-Saħħa.



# RIĊERKA U KOMUNIKAZZJONI

# 05



# RIĊERKA U **KOMUNIKAZZJONI**

## 25 SENA ANNIVERSARJU MIT-TWAQQIF TAL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN

FL-2020, l-Uffiċċju tal-Ombudsman jiċċelebra l-25 anniversarju mit-twaqqif tiegħu. Kien proprju fl-1995 li l-Istituzzjoni tal-Ombudsman bdiet taqdi l-funzjonijiet tagħha bħala tarka taċ-ċittadin u l-kuxjenza tal-amministrazzjoni pubblika.

Kif inhu xieraq, dan l-anniversarju importanti fl-iżvilupp demoktratiku tal-pajjiż għandu jservi bħala okkażjoni biex infakkru s-sinifikat tal-Istituzzjoni u nġeddu l-impenn tagħna lejn iċ-ċittadin. Għalhekk, l-Uffiċċju tar-Riċerka u Komunikazzjoni flimkien ma' sezzjonijiet oħra ser jkunu qed jaħdmu fuq programm ta' attivitajiet u inizjattivi fosthom konferenza internazzjonali u pubblikazzjoni li tfakkar dan l-anniversarju.

## *OUTREACH*

Matul l-2019, komplew l-isforzi biex tiżdied il-viżibilità tal-Uffiċċju bil-għan li l-pubbliku jkun infurmat aktar bil-funzjoni u s-servizzi li joffri l-Uffiċċju tal-Ombudsman. Dawn l-inizjattivi saru bis-sehem tas-sezzjonijiet kollha tal-Uffiċċju u kif ukoll bil-parteċipazzjoni tal-Kummissarji speċjalizzati.

## PARTEĊIPAZZJONI FUQ PROGRAMMI TAT-TV U R-RADJU

L-Uffiċċju tal-Ombudsman kien mistieden b'mod regolari fi programmi tat-TV u r-radju fejn ingħatat informazzjoni lill-pubbliku dwar ir-rwol tal-Ombudsman u l-Kummissarji. Dawn l-inizjattivi ser ikomplu matul is-sena 2020.

## PARTEĊIPAZZJONI F'ATTIVITAJIET

Għall-ħames sena, l-Uffiċċju tal-Ombudsman ipparteċipa fi *Freshers' Week* organizzata mill-Kunsill Studenti Universitarji. L-*istand* tal-Uffiċċju tal-Ombudsman kienet iffukata fuq ir-rwol u s-servizzi li joffri l-Kummissarju għall-Edukazzjoni. L-Uffiċċju żied l-isforzi tiegħu biex jipparteċipa wkoll fi *Freshers' Week* organizzata mill-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) u fl-MCAST.

Dawn l-attivitajiet iservu sabiex l-istudenti, l-għalliema u l-ħaddiema ta' dawn l-istituzzjonijiet edukattivi jsiru jafu aktar dwar l-Ombudsman u s-servizzi li joffri.

## LAQGĦAT REGOLARI F'GĦAWDEX

L-Uffiċċju tal-Ombudsman baqa' għaddej b'mod regolari, ta' kull xahar, bil-laqgħat maċ-ċittadini f'Għawdex. Dawn il-laqgħat iservu biex dawk li għandhom xi ilment jew jixtiequ jressqu ilment, jistgħu jitkellmu mal-Uffiċjali tal-Uffiċċju tal-Ombudsman f'Għawdex stess. Din l-inizjattiva mistennija tissokta matul l-2020.

## KUNTATT MAL-*MEDIA*

Ir-relazzjoni tajba mal-*media* hija element importanti ħafna fix-xogħol tal-Ombudsman u għalhekk matul is-sena li għaddiet kompliet tissaħħaħ. L-Uffiċċju baqa' jkun dejjem disponibbli li jipprovdi, meta possibbli, l-informazzjoni mitluba mill-ġurnalisti.

## RAPPORTI U PUBBLIKAZZJONIJIET

- Bħal kull sena, l-Uffiċċju tar-Riċerka u Komunikazzjoni kien involut ukoll fir-riċerka u produzzjoni ta' diversi rapporti u pubblikazzjonijiet li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ippubblika fl-aħħar xhur. Dawn jinkludu:
- Riċerka, kitba u produzzjoni tal-*Case Notes* 2018, li fih kien jinkludi ġabra ta' każijiet fil-qosor li jkopru ukoll każijiet investigati mill-Kummissarji. Kif sar fis-snin li għaddew, din il-pubblikazzjoni saret ukoll b'żewġ lingwi: Malti u Ingliż;
- Riċerka, kitba u produzzjoni tar-Rapport Annwali 2018 li kien jinkludi rapporti ta' ħidma tat-tlett Kummissarji;
- Riċerka, kitba u produzzjoni tal-Ombudsplan 2019; u
- Ir-Rapport dwar l-Istat tal-Ambjent ippubblikat mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar.



# 06

# ĊART ORGANIZZATTIVA



# ĊART
# ORGANIZZATTIVA







# RENDIKONT FINANZJARJU 2019/2020

# 07

# RENDIKONT
# FINANZJARJU 2019/2020

## TAGĦRIF QASIR DWAR L-ANDAMENT GĦAS-SENA 2019

It-talba għall-allokazzjoni finanzjarja għall-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari għas-sena 2019 kienet tlaħħaq is-somma ta' € 1,300,000 (Tabella). Dan l-ammont kien magħmul mis-segwenti kapi ta' spejjeż:

| | |
|---|---|
| • Salarji u emolumenti personali | € 1,075,100 |
| • Spejjeż ta' operat u manutenzjoni | € 191,750 |
| • Spiża kapitali | € 33,150 |

Din is-somma ġiet rakkomandata għall-approvazzjoni fis-17 ta' Ottubru 2018 f'seduta tal-*House Business Committee* w approvata fis-seduta Parlamentari tat-30 ta' Ottubru 2018.

L-allokazzjoni effettiva mill-Ministeru għall-Finanzi fil-bidu tas-sena 2019 kienet ta' €1,300,000 kif jidher fl-estimi għal din is-sena.

# TAGĦRIF IEĦOR RELATAT MAN-NEFQA GĦAS-SENA 2018

## SAĦĦA U SIGURTÀ

Il-pjan ta' sigurtà fil-binja fejn jidħlu perikli minn nirien li kien tħejja f' Ottubru 2017 issa wasal biex jiskadi u huwa ippjanat li jiġi ikkummissjonat pjan ġdid għas-sentejn li ġejjin. Dan ukoll għall-fatt li issa fil-binja qed jiġi akkomodat ukoll l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-i*Standards* tal-Ħajja Pubblika. Matul dan il-perjodu twettqu wħud mir-rakkomandazzjonijiet elenkati f'dan ir-rapport fejn jidħlu manteniment ta' tagħmir ta' tifi tan-nar, testijiet fuq sistemi ta' allarm, ċertifikazzjoni ta' sistemi elettriċi u mekkaniċi w installazzjoni ta' appoġġi ma' turġien u rinforzi ta' bibien f'żoni meqjusa aktar suxxettibbli għan-nirien.

Ġew appuntati *fire wardens* fuq kull sular li minn żmien għal żmien qed jiġu ipprovduti b'taħriġ fit-tifi tan-nar u fl-ewwel għajnuna medika. Wara li jintemm dan it-taħriġ bażiku għandu jingħata bidu għal provi ta' evakwazzjoni taħt superviżjoni minn konsulenti speċjalizzati.

It-taħriġ fl-ewwel għajnuna medika ġie miżmum fl-Uffiċċji tagħna f'Awwissu ta' din is-sena u kien imqassam fuq tlitt sessjonijiet u li għalih attendew il-*fire wardens* u xi membri tal-i*staff* amministrattiv.

## REGOLAMENTI ĠODDA DWAR *DATA*

Provediment importanti kkontemplat fir-regolamenti ġodda ta' *data*, jolqot it-tul ta' żmien li wieħed għandu jżomm id-*data* personali. Billi liġijiet varji jimpingu tul ta' żamma ta' *data* diversa, jirriżulta, li kull *data* għandha terminu ta' żamma possibbilment divers minn tip ta' *data* oħra. Wara li saret analiżi interna ta' kif tintlaqat id-*data* miġbura minn dan l-Uffiċċju nbeda proċess biex *data* miżmuma fl-arkivji kif ukoll *data* miżmuma elettronikament tiġi ipproċessata skont il-*policy* a bażi tar-regolamenti l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-*data* u li fl-istess waqt jiġu sodisfatti t-termini tal-liġijiet varji tal-Pajjiż. Bi qbil mad-Dipartiment tal-Arkivji qed jittieħed ukoll l-interess storiku tad-*data* kif ukoll il-valur każistiku tad-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu mill-Ombudsman u mill-Kummissarji speċjalizzati.

Id-*data* li tirrigwarda l-amministrazzjoni, finanzi u impjegati issa ġiet kollha proċessata skont il-*policy* kif elenkata aktar kmieni. Madanakollu d-*data* li tirrigwarda l-każi għadha qed tiġi proċessata. Dan minħabba l-volum kbir ta' *data* li teżisti u li tmur lura sa minn meta beda jopera l-Uffiċċju. Il-proċess huwa wkoll wieħed laborjuż u wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni li dan l-impenn qed jiġi mwettaq b'riżorsi interni. Huwa stmat li dan il-proċess għandu jitlesta sa tmiem is-sena. Dan l-impenn affettwa l-proċess tal-introduzzjoni ta' *Case Management Software* ġdid, dan minħabba li d-*data* tali proċessata taffettwa d-*data* li tkun meħtieġa li tiġi rilokata fuq is-sistema l-ġdida. Barra minn hekk minħabba l-pressjoni fuq numru ta' *staff* amministrattiv minħabba l-iproċessar tad-*data* nħass li mhux il-waqt ġust li jibda l-proċess għal sistema ġdida.

## TAĦRIĠ

Bħal fis-snin imgħoddija tkomplew programmi ta' taħriġ tal-uffiċjali sabiex dawn jaġġornaw irwieħhom mal-iżviluppi li jkunu qed iseħħu madwarna. Dan it-taħriġ jinvolvi korsijiet u konferenzi kemm lokali u kemm barra minn xtutna. Uffiċjali Investigattivi attendew korsijiet dwar l-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni, waqt li bħal snin oħra Uffiċjal Investigattiv ser jattendi laqgħa li tispeċjalizza dwar ir-rwol tal-Ombudsman fl-ambitu tal-Armata. Żewġ uffiċjali oħra attendew għall-korsijiet ta ċertifikazzjoni fil-protezzjoni tad-*data*. Ma' naqsux ukoll korsijiet fil-*management* u temi oħra prevalenti minn żmien għall-ieħor. Bħal fiż-żmien imgħoddi l-Uffiċċju ibbenefika minn finanzjar ta' dawn il-programmi edukattivi kemm minn sorsi lokali u kemm minn sorsi Ewropej.

## FORA INTERNAZZJONALI

Internazzjonalment l-Uffiċċju huwa wkoll membru tal-Organizzazzjonijiet li jħaddnu fihom Istituzzjonijiet tal-Ombudsman minn madwar id-Dinja (IOI), Ewropej (EOI) u Mediterranji (AOM). F'Marzu ta' din is-sena daħal fis-seħħ l-inkarigu tal-Ombudsman, is-Sur Anthony C Mifsud bħala Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni tal-Ombudsmen Mediterranji biex issa l-funzjonijiet ta' Teżorier u Segretarju Ġenerali ġew taħt kappa waħda. Dan l-inkarigu jiskadi f'Marzu 2022. Il-Bord Eżekuttiv u dak tal-Governanza tal-Assoċjazzjoni ltaqa' f'Tirana, l-Albanija fejn ġew approvati r-rapporti tas-Segretarjat u t-Teżorier kif ukoll il-Pjan ta' Attività għas-snin 2019/2020. F'dan ir-rwol l-Uffiċċju tal-Ombudsman għandu sehem attiv u jagħti kontribut meqjus biex l-Assoċjazzjoni tibqa' tmexxi t-temi ta' governanza u amministrazzjoni ġusta mal-firxa tal-bażi Mediterranja.

# TAGĦRIF DWAR IL-FINANZI MEĦTIEĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN FL-2020

| *Details* | *Approved allocation for 2019 €* | *Requested allocation for 2020 €* |
|---|---|---|
| Salaries | 757,000 | 776,387 |
| Bonus | 5,800 | 6,484 |
| Income Suppliments | 5,200 | 5,753 |
| Social Security Contributions | 40,000 | 42,326 |
| Allowances | 267,100 | 299,150 |
| **Total Personal Emoluments** | **1,075,100** | **1,130,100** |
| **Operational & Maintenance Expenses** | | |
| Utilities | 20,000 | 20,000 |
| Materials and Supplies | 13,000 | 15,000 |
| Repair and upkeep | 12,000 | 15,000 |
| Rent | 8,100 | 8,100 |
| International Membership | 2,000 | 2,000 |
| Office services | 10,000 | 10,000 |
| Transport | 13,000 | 13,000 |
| Travel | 20,000 | 25,000 |
| Information Services | 10,000 | 10,000 |
| Contractual Services | 45,000 | 45,000 |
| Professional Services | 15,000 | 15,000 |
| Training | 5,000 | 5,000 |
| Hospitality | 3,000 | 3,000 |
| Outreach Programmes | 15,000 | 10,000 |
| Incidental Expenses | 650 | 650 |
| **Total Operational and Maintenance Exp.** | **191,750** | **196,750** |
| **Special Expenditure** | | |
| Improvements to property | 5,000 | - |
| Conference | - | 40,000 |
| Equipment | 28,150 | 13,150 |
| **Total Special Expenditure** | **33,150** | **53,150** |
| **TOTAL** | **1,300,000** | **1,380,000** |



# STATISTIKA 2018/2019

# 08



# STATISTIKA
# 2018/2019

Din il-parti tal-Ombudsplan titratta l-informazzjoni dwar l-ilmenti mressqa bejn Jannar u Awwissu 2019. Għal fini ta' tqabbil, qed tiġi wkoll ipprovduta l-istess informazzjoni għas-sena 2018. Din l-informazzjoni tinkludi l-ilmenti kollha li rċieva l-Ombudsman Parlamentari u l-Kummissarji speċjalizzati.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman, ta' kull sena jtejjeb l-isforzi tiegħu biex ikun eqreb lejn iċ-ċittadin b'diversi inizjattivi. Dawn l-isforzi jgħinu biex dawk li jsofru xi tip inġustizzja ikunu infurmati bid-drittijiet tagħhom, mgħejjuna biex iressqu l-ilment tagħhom u finalment biex l-ilment tagħhom jiġi investigat.

## TABELLA 1 – STATISTIKA TA' ILMENTI ĠODDA, ILMENTI LI NGĦALQU U ILMENTI PENDENTI

Din it-tabella turi kemm kienu l-ilmenti ġodda li daħlu, dawk li ngħalqu u dawk li għadhom pendenti. Din it-tabella tinkludi wkoll l-ilmenti tat-tlett Kummissarji speċjalizzati.

**Każijiet ġodda**

Bejn Jannar u Awwissu 2019, daħlu b'kollox 387 ilment, żieda ta' 12% fuq l-istess perjodu fl-2018. Mit-387 każ illi daħlu, 231 ilment ġew trattati mill-Ombudsman Parlamentari; 31 ilment mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni; 68 ilment mill-Kummissarju għas-Saħħa u 57 ilment mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar.

**Każijiet li ngħalqu**

Tabella Nru 1 turi wkoll il-każijiet li ngħalqu matul l-istess perjodu. Bejn Jannar u Awwissu 2019 ingħalqu b'kollox 341 każ, żieda ta' 7% fuq l-istess perjodu fl-2018. Mit-341 każ li ngħalqu, 229 ingħalqu mill-Ombudsman Parlamentari; 46 każ mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar; 38 każ mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni u 28 każ mill-Kummissarju għas-Saħħa.

# TABELLA 1 - STATISTIKA TA' ILMENTI ĠODDA LI NGĦALQU U ILMENTI PENDENTI BEJN JANNAR/AWWISSU 2018/2019

| | 2018 Jannar - Awwissu | | | 2019 Jannar - Awwissu | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| **OMBUDSMAN PARLAMENTARI** | | | | | | |
| **Każijiet mis-sena ta' qabel** | | | 168 | | | 183 |
| Jannar - Marzu | 85 | 102 | 151 | 77 | 96 | 164 |
| April - Ġunju | 64 | 49 | 166 | 84 | 78 | 170 |
| Lulju - Awwissu | 54 | 50 | 170 | 70 | 55 | 185 |
| **Total** | **203** | **201** | | **231** | **229** | |
| **KUMMISSARJU GĦALL-EDUKAZZJONI** | | | | | | |
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| **Każijiet mis-sena ta' qabel** | | | 15 | | | 27 |
| Jannar - Marzu | 9 | 14 | 10 | 7 | 21 | 13 |
| April - Ġunju | 5 | 5 | 10 | 13 | 7 | 19 |
| Lulju - Awwissu | 10 | 7 | 13 | 11 | 10 | 20 |
| **Total** | **24** | **26** | | **31** | **38** | |
| **KUMMISSARJU GĦAS-SAĦĦA** | | | | | | |
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| **Każijiet mis-sena ta' qabel** | | | 61** | | | 52** |
| Jannar - Marzu | 19 | 14 | 66 | 28 | 13 | 67 |
| April - Ġunju | 21 | 14 | 73 | 20 | 9 | 78 |
| Lulju - Awwissu | 21 | 23 | 71 | 20 | 6 | 92 |
| **Total** | **61** | **51** | | **68** | **28** | |

| | 2018<br>Jannar - Awwissu | | | 2019<br>Jannar - Awwissu | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| **KUMMISSARJU GĦALL-AMBJENT U L-IPPJANAR** | | | | | | |
| **Każijiet mis-sena ta' qabel** | | | 10 | | | 27 |
| Jannar - Marzu | 20 | 10 | 20 | 22 | 25 | 24 |
| April - Ġunju | 25 | 20 | 25 | 21 | 11 | 34 |
| Lulju - Awwissu | 12 | 11 | 26 | 14 | 10 | 38 |
| **Total** | **57** | **41** | | **57** | **46** | |
| **TOTAL GLOBALI** | | | | | | |
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| **Jannar - Awwissu** | **345** | **319** | | **387** | **341** | |

## TABELLA 2 – ASSISTENZA MOGĦTIJA LILL-PUBBLIKU

Tabella Nru 2 turi li bejn Jannar u Awwissu 2019, kien hemm 373 persuna li talbu assistenza lill-Uffiċċju tal-Ombudsman. Komparat mas-sena 2018, kien hemm żieda ta' 26% fin-nies li irrikorrew għand l-Ombudsman għall-parir.

Din l-assistenza tingħata lil dawk li jirrikorru l-Uffiċċju tal-Ombudsman għal gwida, qabel ma jiftħu ilmenti formali. Ħafna minn dawn il-persuni jirrikorru fl-Uffiċċju tal-Ombudsman għall-parir jew biex jingħataw assistenza għall-ilmenti li mhux bilfors ikun jinħtieġ li dwarhom jinfetaħ każ formali u spiss ikun hemm okkażjonijiet fejn kull ma jkun hemm bżonn hu ta' spjegazzjoni, assistenza jew gwida dwar fejn għandhom jirrikorru bl-ilment tagħhom.

## TABELLA 2 - STATISTIKA TA' ASSISTENZA LI NGĦATAT LILL-PUBBLIKU BEJN JANNAR/AWWISSU 2018/2019

| Kategorija | 2018<br>Jannar - Awwissu | 2019<br>Jannar - Awwissu |
|---|---|---|
| Ingħataw parir | | **368** |
| Riżolt mill-PRO | **3** | **5** |
| **Total** | **295** | **373** |

## TABELLA 3 – KLASSIFIKA TA' ILMENTI ĠODDA

Tabella Nru 3 turi l-klassifika ta' ilmenti ġodda bejn Jannar u Awwissu ta' din is-sena u kif dawn jikkomparaw mal-istess perjodu tas-sena li għaddiet. Din it-tabella tgħin biex jiġu identifikati x-xejriet tal-problemi u l-ilmenti li qed ikollu l-pubbliku.

**Ombudsman Parlamentari**

Mill-ilmenti l-ġodda trattati mill-Ombudsman Parlamentari, l-iktar ilmenti komuni kienu dawk l-ilmenti li fihom ikun allegat nuqqas ta' ġustizzja jew bilanċ li ammontaw għal 53% tal-ilmenti, fuq l-istess livell tas-sena 2018.

It-tieni l-akbar ammont ta' ilmenti kienu dawk li jitrattaw dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni li ammontaw għal 27% tal-ilmenti.

**Kummissarju għall-Edukazzjoni**

L-akbar numru ta' ilmenti (97%) li tratta l-Kummissarju għall-Edukazzjoni kienu dwar trattament mhux ġust jew diskriminatorju. Meta mqabbla mas-sena 2018, f'din il-kategorija kien hemm żieda ta' 58%.

**Kummissarju għas-Saħħa**

Mit-68 ilment li investiga l-Kummissarju għas-Saħħa, 40% tal-ilmenti kienu dwar każijiet li jirrigwardjaw tkomplija ta' kura . It-tieni l-akbar numru ta' ilmenti (31%) kienu ilmenti relatati ma' ħaddiema li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa.

**Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar**

L-aktar ilmenti komuni li tratta l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar kienu dawk l-ilmenti fejn ikun hemm allegazzjoni ta' azzjoni li hija kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti jew proċeduri. Dawn kienu jammontaw għal 35% tal-każijiet li tratta. It-tieni l-aktar ilmenti komuni kienu dawk li jirrigwardjaw dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni, li ammontaw għall-31% tal-każijiet investigati mill-Kummissarju.

# TABELLA 3 - KLASSIFIKA TA' ILMENTI ĠODDA BEJN JANNAR/AWWISSU 2018 - 2019

| Kategorija | 2018 Jannar - Awwissu | | 2019 Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **OMBUDSMAN PARLAMENTARI** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 33 | 16% | 21 | 10% |
| Diskriminazzjoni improprja | 12 | 6% | 14 | 6% |
| Nuqqas ta' trasparenza | 2 | 1% | - | - |
| Nuqqas biex tingħata jew titwassal l-informazzjoni | 7 | 3% | 10 | 4% |
| Dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni | 44 | 22% | 63 | 27% |
| Nuqqas ta' ġustizzja jew żbilanċ | 105 | 52% | 123 | 53% |
| **Total** | **203** | **100%** | **231** | **100%** |
| **KUMMISSARJU GĦALL-EDUKAZZJONI** | | | | |
| Immarkar mhux ġust ta' xogħol akkademiku | - | - | - | - |
| Ħtiġijiet speċjali li ma ngħatawx attenzjoni | - | - | - | - |
| Promozzjoni miċħuda b'mod inġust | 4 | 17% | 1 | 3% |
| Kariga miċħuda b'mod inġust (mili ta' post battal) | 1 | 4% | - | - |
| Trattament mhux ġust/ diskriminatorju* | 19 | 79% | 30 | 97% |
| Nuqqas ta' tagħrif/attenzjoni | - | - | - | - |
| Inizjattiva personali | - | - | - | - |
| **Total** | **24** | **100%** | **31** | **100%** |
| **KUMMISSARJU GĦALL-AMBJENT U L-IPPJANAR** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 24 | 41% | 20 | 35% |
| Diskriminazzjoni improprja | 3 | 6% | 1 | 2% |
| Nuqqas ta' trasparenza | - | - | 2 | 4% |
| Nuqqas biex tingħata jew titwassal l-informazzjoni | 1 | 3% | 1 | 2% |
| Dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni | 17 | 29% | 18 | 31% |
| Nuqqas ta' ġustizzja jew bilanċ | 9 | 15% | 13 | 22% |
| Titjib fil-kwalità tal-ħajja | 3 | 6% | 2 | 4% |
| **Total** | **57** | **100%** | **57** | **100%** |

| Kategorija | 2018<br>Jannar - Awwissu | | 2019<br>Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **KUMMISSARJU GĦAS-SAĦĦA** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 21 | 34% | 1 | 1% |
| Diskriminazzjoni improprja | 6 | 10% | 2 | 3% |
| Dħul, ħruġ u proċedura ta' trasferimenti u arranġamenti fl-isptarijiet u djar tal-anzjani | 1 | 2% | 1 | 1% |
| Attitudni tal-i*Staff* - *Staff* Amministrattiv | - | - | 1 | 1% |
| Għajnuna medika u apparat | 1 | 2% | - | - |
| Tkomplija ta' kura | 9 | 15% | 27 | 40% |
| *Nursing Care* | 2 | 3% | - | - |
| Kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema | 13 | 21% | 21 | 31% |
| Komunikazzjoni fqira u ineffettiva/ nuqqas ta' informazzjoni lill-pazjenti | 2 | 3% | 2 | 3% |
| Lista ta' stennija/tul ta' żmien biex pazjent jiġi eżaminat | 3 | 5% | 1 | 1% |
| Nuqqas ta' trasparenza | 1 | 2% | 1 | 1% |
| Ħwejjeġ oħra | 2 | 3% | 11 | 18% |
| **Total** | **61** | **100%** | **68** | **100%** |
| **TOTAL GLOBALI** | **345** | **-** | **387** | **-** |

## TABELLA 4 – KLASSIFIKA TA' KAŻIJIET MAGĦLUQA

Din it-tabella turi kif ġew klassifikati l-każijiet magħluqa bejn Jannar u Awwissu 2019. Din it-tabella tagħti spjegazzjoni dwar it-tip ta' konklużjonijiet li joħorġu mill-investigazzjoni.

Il-klassifika tal-każijiet tinqasam bejn dawk l-ilmenti li jiġu ġustifikati jew le, dawk li ġew solvuti waqt l-investigazzjoni, dawk li ġew mogħtija parir jew għajnuna waqt l-investigazzjoni, dawk li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman u dawk li jkunu trivjali jew li skadew biż-żmien.

**Ombudsman Parlamentari**

L-Ombudsman Parlamentati investiga 229 ilment li 58% minnhom saret investigazzjoni dwarhom. Matul dan il-perjodu, kien hemm 41% tal-każijiet li ġew solvuti waqt l-investigazzjoni; 16% li ngħataw parir u għajnuna wara li l-każ tagħhom beda jiġi investigat; 23% kienu ilmenti li l-Ombudsman ma setgħax jinvestiga minħabba li kienu barra mill-ġurisdizzjoni tiegħu u 3% kienu dawk li ma ġewx investigati minħabba li jew kienu trivjali jew it-terminu ta' sitt xhur minn meta seħħ l-ilment kien skada.

**Kummissarju għall-Edukazzjoni**

Mill-ilmenti li kienu investigati mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni, 11% kienu ġustifikati mentri 39% ma kienux. Waqt li kienet għaddejja l-investigazzjoni, 34% tal-ilmenti ġew solvuti f'dan l-istadju.

**Kummissarju għas-Saħħa**

Il-Kummissarju għas-Saħħa għalaq 46% tal-każijiet favur il-persuna li ressqet l-ilment, u 32% tal-ilmenti li investiga ma kienux ġustifikati. Ta' min jinnota li 18% tal-każijiet ġew solvuti billi ngħataw parir jew għajnuna waqt il-proċess ta' investigazzjoni u għalhekk il-persuna li ressqet l-ilment ma kelliex għalfejn tkompli bil-każ tagħha.

**Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar**

Mill-każijiet li l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar investiga bejn Jannar u Awwissu ta' din is-sena, 7% tal-ilmenti kienu ġustifikati u għalhekk il-persuna li ressqet l-ilment ingħatat raġun; 33% ma kienux ġustifikati u għalhekk ma kienx hemm nuqqas mill-entità, awtorità jew dipartiment li dwaru kienu saru l-ilmenti.

Ta' min jinnota li kien hemm, 30% tal-każijiet li ġew solvuti waqt l-investigazzjoni. Kien hemm ukoll 28% li ngħataw parir jew għajnuna u għalhekk il-każ ma kompliex jiġi investigat.

# TABELLA 4 - KLASSIFIKA TA' KAŻIJIET MAGĦLUQA BEJN JANNAR/AWWISSU 2018 - 2019

| Kategorija | 2018 Jannar - Awwissu | | 2019 Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **OMBUDSMAN PARLAMENTARI** | | | | |
| Każijiet investigati:<br>• ġustifikati<br>• mhux ġustifikati | 20<br>25 | 10%<br>13% | 5<br>34 | 2%<br>15% |
| Solvuti waqt l-investigazzjoni | 76 | 38% | 94 | 41% |
| Mogħtija pariri/għajnuna | 24 | 12% | 36 | 16% |
| Barra l-ġurisdizzjoni | 49 | 24% | 53 | 23% |
| Skaduti biż-żmien/trivjali | 7 | 3% | 7 | 3% |
| **Total** | **201** | **100%** | **229** | **100%** |
| **KUMMISSARJU GĦALL-EDUKAZZJONI** | | | | |
| Każijiet investigati:<br>• ġustifikati<br>• mhux ġustifikati | 5<br>13 | 19%<br>50% | 4<br>15 | 11%<br>39% |
| Solvuti waqt l-investigazzjoni | 4 | 15% | 13 | 34% |
| Mogħtija pariri/għajnuna | 3 | 12% | 1 | 3% |
| Barra l-ġurisdizzjoni | - | - | 2 | 5% |
| Skaduti biż-żmien/trivjali | 1 | 4% | 3 | 8% |
| **Total** | **26** | **100%** | **38** | **100%** |
| **KUMMISSARJU GĦAS-SAĦĦA** | | | | |
| Każijiet investigati:<br>• ġustifikati<br>• mhux ġustifikati | 18<br>26 | 35%<br>51% | 13<br>9 | 46%<br>32% |
| Solvuti waqt l-investigazzjoni | 4 | 8% | - | - |
| Mogħtija pariri/għajnuna | 3 | 6% | 5 | 18% |
| Barra l-ġurisdizzjoni | - | - | - | - |
| Skaduti biż-żmien/trivjali | - | - | 1 | 4% |
| **Total** | **51** | **100%** | **28** | **100%** |

| Kategorija | 2018<br>Jannar - Awwissu | | 2019<br>Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **KUMMISSARJU GĦALL-AMBJENT U L-IPPJANAR** | | | | |
| Każijiet investigati:<br>• ġustifikati<br>• mhux ġustifikati | <br>4<br>4 | <br>10%<br>10% | <br>3<br>15 | <br>7%<br>33% |
| Solvuti waqt l-investigazzjoni | 9 | 22% | 14 | 30% |
| Mogħtija pariri/għajnuna | 21 | 51% | 13 | 28% |
| Barra l-ġurisdizzjoni | 1 | 2% | - | - |
| Skaduti biż-żmien/trivjali | 2 | 5% | 1 | 2% |
| **Total** | **41** | **100%** | **46** | **100%** |
| **TOTAL GLOBALI** | **319** | | **341** | |

## TABELLA 5 – KLASSIFIKA TA' KAŻIJIET MAGĦLUQA

Din it-tabella tagħti ħarsa lejn in-numru ta' ilmenti investigati li fil-fatt irriżulta li l-allegazzjoni dwar xi nuqqas min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika kienet sostnuta.

### Ombudsman Parlamentari

Fost l-akbar numru ta' każijiet li l-Ombudsman Parlamentari ta raġun, insibu dawk l-ilmenti li kienu jitrattaw ilmenti li allegaw nuqqas ta' ġustizzja jew bilanċ. Dawn kienu jammontaw għal 51% tal-każijiet.

It-tieni l-akbar ammont ta' ilmenti li fihom irriżulta li min ilmenta kellu raġun kienu dawk dwar dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni li ammontaw għal 34%.

### Kummissarju għall-Edukazzjoni

L-iktar każijiet komuni li kienu sostnuti mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni kienu dawk dwar trattament mhux ġust jew diskriminatorju li kienu jammontaw għal 76%. It-tieni l-akbar ammont ta' ilmenti sostnuti mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni (12%) kienu dawk dwar nuqqas ta' tagħrif jew attenzjoni.

### Kummissarju għas-Saħħa

Mill-każijiet sostnuti mill-Kummissarju għas-Saħħa, 38% kienu dawk li jirrigwardjaw kwistjonijiet relatati ma' ħaddiema. It-tieni l-akbar ammont ta' każijiet sostnuti mill-Kummissarju tas-Saħħa kienu dawk dwar azzjonijiet kontra l-liġi, jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri (23%).

### Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar

Mill-ilmenti li ġew magħluqa u sostnuti mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar, kienu dawk l-ilmenti li allegaw dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni li ammontaw għal 59% tal-każijiet sostnuti mill-Kummissarju.

Fit-tieni post, hemm dawk dwar azzjonijiet li huma jew kontra il-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti jew proċeduri, b'35%.

# TABELLA 5 - KLASSIFIKA TA' KAŻIJIET SOSTNUTI U MAGĦLUQA F'KATEGORIJI STABBILITI - JANNAR/AWWISSU 2018 - 2019

| Kategorija | 2018 Jannar - Awwissu | | 2019 Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **OMBUDSMAN PARLAMENTARI** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 12 | 13% | 6 | 6% |
| Diskriminazzjoni improprja | 9 | 9% | 4 | 4% |
| Nuqqas ta' trasparenza | - | - | - | - |
| Nuqqas biex tingħata jew titwassal l-informazzjoni | 2 | 2% | 5 | 5% |
| Dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni | 27 | 28% | 34 | 34% |
| Nuqqas ta' ġustizzja jew żbilanċ | 46 | 48% | 50 | 51% |
| **Total** | **96** | **100%** | **99** | **100%** |
| **KUMMISSARJU GĦALL-EDUKAZZJONI** | | | | |
| Immarkar mhux ġust ta' xogħol akkademiku | - | - | - | - |
| Ħtiġijiet speċjali li ma ngħatawx attenzjoni | 2 | 22% | 1 | 6% |
| Promozzjoni miċħuda b'mod inġust | - | - | 1 | 6% |
| Kariga miċħuda b'mod inġust (mili ta' post battal) | - | - | - | - |
| Trattament mhux ġust/ diskriminatorju* | 7 | 78% | 13 | 76% |
| Nuqqas ta' tagħrif/attenzjoni | - | - | 2 | 12% |
| Inizjattiva personali | - | - | - | - |
| **Total** | **9** | **100%** | **17** | **100%** |
| **KUMMISSARJU GĦALL-AMBJENT U L-IPPJANAR** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 6 | 46% | 6 | 35% |
| Diskriminazzjoni improprja | - | - | - | - |
| Nuqqas ta' trasparenza | - | - | - | - |
| Nuqqas biex tingħata jew titwassal l-informazzjoni | - | - | - | - |
| Dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni | 5 | 38% | 10 | 59% |
| Nuqqas ta' ġustizzja jew żbilanċ | 1 | 8% | - | - |
| Titjib fil-kwalità tal-ħajja | 1 | 8% | 1 | 6% |
| **Total** | **13** | **100%** | **17** | **100%** |

| Kategorija | 2017<br>Jannar - Awwissu | | 2018<br>Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **KUMMISSARJU GĦAS-SAĦĦA** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 8 | 36% | 3 | 23% |
| Diskriminazzjoni improprja | 2 | 8% | - | - |
| Dħul, ħruġ u proċedura ta' trasferimenti u arranġamenti fl-isptarijiet u djar tal-anzjani | - | - | - | - |
| Tkomplija ta' kura | 4 | 18% | 2 | 15% |
| *Nursing Care* | 1 | 5% | - | - |
| Kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema | 4 | 18% | 5 | 38% |
| Komunikazzjoni fqira u ineffettiva/ nuqqas ta' informazzjoni lill-pazjenti | - | - | 1 | 8% |
| Lista ta' stennija/tul ta' żmien biex pazjent jiġi eżaminat | 1 | 5% | 1 | 8% |
| Nuqqas ta' trasparenza | 1 | 5% | - | - |
| Ħwejjeġ oħra | 1 | 5% | 1 | 8% |
| **Total** | **22** | **100%** | **13** | **100%** |
| **TOTAL GLOBALI** | **140** | **-** | **146** | |

**  Din il-kategorija tinkludi wkoll ilmenti dwar trattament inġust relatat mal-istipendji u l-*scholarships *u kif ukoll ilmenti dwar trattament inġust fuq bażi akkademika u mhux akkademika.*

*** Ma' dan in-numru ta' ilmenti hemm każijiet li kienu magħluqa imma baqgħu pendenti mis-sena ta' qabel minħabba nuqqas ta' risposta mid-dipartiment konċernat.*

# PRINCIPLES ON THE PROTECTION AND PROMOTION OF THE OMBUDSMAN INSTITUTION ("THE VENICE PRINCIPLES")

Strasbourg, 3 May 2019

**CDL-AD(2019)005**

**Opinion No. 897 / 2017**

Or. Engl.

**EUROPEAN COMMISSION FOR DEMOCRACY THROUGH LAW**

**(VENICE COMMISSION)**

# PRINCIPLES

# ON THE PROTECTION AND PROMOTION

# OF THE OMBUDSMAN INSTITUTION

# ("THE VENICE PRINCIPLES")

**Adopted by the Venice Commission**
**at its 118th Plenary Session**
**(Venice, 15-16 March 2019)**

**Endorsed by the Committee of Ministers**
**at the 1345th Meeting of the Ministers' Deputies**
**(Strasbourg, 2 May 2019)**

**on the basis of comments by**

**Ms Lydie ERR (Member, Luxembourg)**
**Mr Jan HELGESEN (Member, Norway)**
**Mr Johan HIRSCHFELDT (Substitute Member, Sweden)**
**Mr Jørgen Steen SØRENSEN (Member, Denmark)**
**Mr Igli TOTOZANI (Expert, Albania)**

*This document will not be distributed at the meeting. Please bring this copy.*
www.venice.coe.int

# PRINCIPLES ON THE PROTECTION AND PROMOTION OF THE OMBUDSMAN INSTITUTION (The Venice Principles)

## *The European Commission for Democracy through Law (“the Venice Commission”)*

*Noting* that there are presently Ombudsman Institutions in more than 140 States, at the national, regional or local level, with different competences;

*Recognising* that these Institutions have adapted into the legal and political system of the respective States;

*Noting* that the core principles of the Ombudsman Institution, including independence, objectivity, transparency, fairness and impartiality, may be achieved through a variety of different models;

*Emphasising* that the Ombudsman is an important element in a State based on democracy, the rule of law, the respect for human rights and fundamental freedoms and good administration;

*Emphasising* that long-standing constitutional traditions and a mature constitutional and democratic political culture constitute an enabling element to the democratic and legal functioning of the Ombudsman Institution;

*Emphasising* that the Ombudsman plays an important role in protecting Human Rights Defenders;

*Emphasising* the importance of national and international co-operation of Ombudsman Institutions and similar institutions;

*Recalling* that the Ombudsman is an institution taking action independently against maladministration and alleged violations of human rights and fundamental freedoms affecting individuals or legal persons;

*Stressing* that the right to complain to the Ombudsman is an addition to the right of access to justice through the courts;

*Stating* that governments and parliaments must accept criticism in a transparent system accountable to the people;

*Focusing* on the commitment of the Ombudsman to call upon parliaments and governments to respect and promote human rights and fundamental freedoms, such a role being of utmost importance especially during periods of hardship and conflicts in society;

*Expressing* serious concern with the fact that the Ombudsman Institution is at times under different forms of attacks and threats, such as physical or mental coercion, legal actions threatening immunity, suppression reprisal, budgetary cuts and a limitation of its mandate;

*Recalling* that the Venice Commission, on different occasions, has worked extensively on the role of the Ombudsman;

*Referring to* the Recommendations of the Committee of Ministers of the Council of Europe R (85) 13 on the institution of the Ombudsman, R (97)14 on the establishment of independent national institutions for the promotion and protection of human rights, R (2000)10 on codes of conduct for public officials, CM/Rec(2007)7 on good administration, CM/Rec(2014)7 on the protection of whistle-blowers and CM/Rec(2016)3 on human rights and business; to the Recommendations of the Parliamentary Assembly of the Council of Europe 757 (1975) and 1615 (2003) and in particular its Resolution 1959 (2013); as well as to Recommendations 61(1999), 159 (2004), 309(2011) and Resolution 327 (2011) of the Congress of Local and Regional Authorities of the Council of Europe; to ECRI General Policy Recommendation No. 2: Equality bodies to combat racism and intolerance at national level, adopted on 7 December 2017;

*Referring to* United Nations General Assembly Resolution 48/134 on the principles relating to the status of national institutions for the promotion and protection of human rights ("the Paris Principles") of 20 December 1993, Resolution 69/168 of 18 December 2014 and Resolution 72/186 of 19 December 2017 on the role of the Ombudsman, mediator and other national human rights institutions in the promotion and protection of human rights, Resolution 72/181 of 19 December 2017 on National institutions for the promotion and protection of human rights, the Optional Protocol to the Convention against Torture and other Cruel Inhuman or Degrading Treatment or Punishment, adopted by the General Assembly on 18 December 2002, the Convention on the Rights of Persons with Disabilities adopted by the General Assembly on 13 December 2006;

*After having consulted* the United Nations Human Rights Office of the High Commissioner, the UN Special Rapporteur on the situation of human rights defenders, the Council of Europe Commissioner for Human Rights and the Steering Committee for Human Rights of the Council of Europe (CDDH), the OSCE Office for Democratic Institutions and Human Rights (OSCE/ODIHR), the European Union Agency for Fundamental Rights, the European Ombudsman of the European Union, the International Ombudsman Institute (IOI), the Association of Mediterranean Ombudsmen (AOM), the Association of Ombudsman and Mediators of the Francophonie (AOMF), the Federation of Ibero-American Ombudsman (FIO), the European Network of National Human Rights Institutions (ENNHRI);

> ***has, at its 118th Plenary Session (15-16 March 2019), adopted these Principles on the Protection and Promotion of the Ombudsman Institution ("the Venice Principles")***

1. Ombudsman Institutions have an important role to play in strengthening democracy, the rule of law, good administration and the protection and promotion of human rights and fundamental freedoms. While there is no standardised model across Council of Europe Member States, the State shall support and protect the Ombudsman Institution and refrain from any action undermining its independence.

2. The Ombudsman Institution, including its mandate, shall be based on a firm legal foundation, preferably at constitutional level, while its characteristics and functions may be further elaborated at the statutory level.

3. The Ombudsman Institution shall be given an appropriately high rank, also reflected in the remuneration of the Ombudsman and in the retirement compensation.

4. The choice of a single or plural Ombudsman model depends on the State organisation, its particularities and needs. The Ombudsman Institution may be organised at different levels and with different competences.

5. States shall adopt models that fully comply with these Principles, strengthen the institution and enhance the level of protection and promotion of human rights and fundamental freedoms in the country.

6. The Ombudsman shall be elected or appointed according to procedures strengthening to the highest possible extent the authority, impartiality, independence and legitimacy of the Institution.

The Ombudsman shall preferably be elected by Parliament by an appropriate qualified majority.

7. The procedure for selection of candidates shall include a public call and be public, transparent, merit based, objective, and provided for by the law.

8. The criteria for being appointed Ombudsman shall be sufficiently broad as to encourage a wide range of suitable candidates. The essential criteria are high moral character, integrity and appropriate professional expertise and experience, including in the field of human rights and fundamental freedoms.

9. The Ombudsman shall not, during his or her term of office, engage in political, administrative or professional activities incompatible with his or her independence or impartiality. The Ombudsman and his or her staff shall be bound by self-regulatory codes of ethics.

10. The term of office of the Ombudsman shall be longer than the mandate of the appointing body. The term of office shall preferably be limited to a single term, with no option for re-election; at any rate, the Ombudsman's mandate shall be renewable only once. The single term shall preferably not be stipulated below seven years.

11. The Ombudsman shall be removed from office only according to an exhaustive list of clear and reasonable conditions established by law. These shall relate solely to the essential criteria of "incapacity" or "inability to perform the functions of office", "misbehaviour" or "misconduct", which shall be narrowly interpreted. The parliamentary majority required for removal – by Parliament itself or by a court on request of Parliament- shall be equal to, and preferably higher than, the one required for election. The procedure for removal shall be public, transparent and provided for by law.

12. The mandate of the Ombudsman shall cover prevention and correction of maladministration, and the protection and promotion of human rights and fundamental freedoms.

13. The institutional competence of the Ombudsman shall cover public administration at all levels.

The mandate of the Ombudsman shall cover all general interest and public services provided to the public, whether delivered by the State, by the municipalities, by State bodies or by private entities.

The competence of the Ombudsman relating to the judiciary shall be confined to ensuring procedural efficiency and administrative functioning of that system.

14. The Ombudsman shall not be given nor follow any instruction from any authorities.

15. Any individual or legal person, including NGOs, shall have the right to free, unhindered and free of charge access to the Ombudsman, and to file a complaint.

16. The Ombudsman shall have discretionary power, on his or her own initiative or as a result of a complaint, to investigate cases with due regard to available administrative remedies. The Ombudsman shall be entitled to request the co-operation of any individuals or organisations who may be able to assist in his or her investigations. The Ombudsman shall have a legally enforceable right to unrestricted access to all relevant documents, databases and materials, including those which might otherwise be legally privileged or confidential. This includes the right to unhindered access to buildings, institutions and persons, including those deprived of their liberty.

The Ombudsman shall have the power to interview or demand written explanations of officials and authorities and shall, furthermore, give particular attention and protection to whistle-blowers within the public sector.

17. The Ombudsman shall have the power to address individual recommendations to any bodies or institutions within the competence of the Institution. The Ombudsman shall have the legally enforceable right to demand that officials and authorities respond within a reasonable time set by the Ombudsman.

18. In the framework of the monitoring of the implementation at the national level of ratified international instruments relating to human rights and fundamental freedoms and of the harmonization of national legislation with these instruments, the Ombudsman shall have the power to present, in public, recommendations to Parliament or the Executive, including to amend legislation or to adopt new legislation.

19. Following an investigation, the Ombudsman shall preferably have the power to challenge the constitutionality of laws and regulations or general administrative acts.

The Ombudsman shall preferably be entitled to intervene before relevant adjudicatory bodies and courts.

The official filing of a request to the Ombudsman may have suspensive effect on time-limits to apply to the court, according to the law.

20. The Ombudsman shall report to Parliament on the activities of the Institution at least once a year. In this report, the Ombudsman may inform Parliament on lack of compliance by the public administration. The Ombudsman shall also report on specific issues, as the Ombudsman sees appropriate. The Ombudsman's reports shall be made public. They shall be duly taken into account by the authorities.

This applies also to reports to be given by the Ombudsman appointed by the Executive.

21. Sufficient and independent budgetary resources shall be secured to the Ombudsman institution. The law shall provide that the budgetary allocation of funds to the Ombudsman institution must be adequate to the need to ensure full, independent and effective discharge of its responsibilities and functions. The Ombudsman shall be consulted and shall be asked to present a draft budget for the coming financial year. The adopted budget for the institution shall not be reduced during the financial year, unless the reduction generally applies to other State institutions. The independent financial audit of the Ombudsman's budget shall take into account only the legality of financial proceedings and not the choice of priorities in the

22. The Ombudsman Institution shall have sufficient staff and appropriate structural flexibility. The Institution may include one or more deputies, appointed by the Ombudsman. The Ombudsman shall be able to recruit his or her staff.

23. The Ombudsman, the deputies and the decision-making staff shall be immune from legal process in respect of activities and words, spoken or written, carried out in their official capacity for the Institution (functional immunity). Such functional immunity shall apply also after the Ombudsman, the deputies or the decision-making staff-member leave the Institution.

24. States shall refrain from taking any action aiming at or resulting in the suppression of the Ombudsman Institution or in any hurdles to its effective functioning, and shall effectively protect it from any such threats.

25. These principles shall be read, interpreted and used in order to consolidate and strengthen the Institution of the Ombudsman. Taking into consideration the various types, systems and legal status of Ombudsman Institutions and their staff members, states are encouraged to undertake all necessary actions including constitutional and legislative adjustments so as to provide proper conditions that strengthen and develop the Ombudsman Institutions and their capacity, independence and impartiality in the spirit and in line with the Venice Principles and thus ensure their proper, timely and effective implementation.